# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK
ippreżentati fis-16 ta' Ġunju 2011 [1]

## I — Introduzzjoni

1. L-Oberster Gerichtshof Awstrijaka (iktar 'il quddiem: il-qorti tar-rinviju) ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 267 TFUE, sensiela ta' domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1978, dwar l-implementazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali [2].

2. Dawn id-domandi tressqu quddiemha fil-kuntest tal-eżami ta' kawża bejn W. Brachner, pensjonanta (iktar 'il quddiem: ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali), u l-Pensionsversicherungsanstalt (iktar 'il quddiem: il-konvenuta fil-kawża prinċipali) dwar l-ammont tal-pensjoni li għandha dritt għaliha. Il-kawża tirrigwarda essenzjalment il-kwistjoni dwar jekk, fil-kuntest tal-aġġustament annwali tal-pensjoni tagħha fl-evoluzzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsum, aġġustament previst mil-liġi nazzjonali dwar l-assigurazzjoni għax-xjuħija, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali setgħetx kienet żvantaġġata meta mqabbla ma' pensjonanti oħra, minħabba l-appartenenza sesswali tagħha. Fl-aħħar mill-aħħar, din il-kwistjoni tqajjem dik tal-kompatibbiltà tal-mekkaniżmi kumplessi tal-politika soċjali nazzjonali mal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fid-dritt tal-Unjoni, kif stabbilit bid-Direttiva 79/7. Fl-ewwel lok, il-partijiet ma jaqblux fuq il-punt dwar jekk il-mekkaniżmi ta' dan it-tip jistgħux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 79/7. Sussegwentement irid jiġi eżaminat jekk hemmx, fil-każ preżenti, nuqqas ta' trattament ugwali bejn il-pensjonanti tas-sess maskil u l-pensjonanti tas-sess femminil u jekk dan huwa l-każ, jistax jiġi ġġustifikat oġġettivament.

3. It-talba għandha essenzjalment l-għan li titfa' dawl fuq il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' diversi leġiżlazzjonijiet tas-sistema Awstrijaka ta' aġġustament tal-pensjonijiet. Il-Verfassungsgerichtshof Awstrijaka diġà ddeċidiet, fl-24 ta' Settembru 2009, dwar il-kostituzzjonalità ta' dawn il-leġiżlazzjonijiet, prinċipalment fuq il-kompatibbiltà tagħhom

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitoli 5, Vol. 1, p. 215.

kemm mal-prinċipju tal-ugwaljanza kif ukoll mad-dritt tal-invjolabbiltà tal-proprjetà li huwa ggarantit mill-kostituzzjoni. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Verfassungsgerichtshof ikkonfermat il-kostituzzjonalità ta' dawn il-leġiżlazzjonijiet u ċaħdet, b'mod partikolari bħala infondati, it-talbiet ta' għadd ta' qrati Awstrijaċi u b'mod partikolari dik imressqa mill-qorti tar-rinviju, għall-annullament tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi.

4. L-ugwaljanza tal-mara fuq livell personali, soċjali u legali tagħmel parti mill-acquis essenzjali tal-kultura Ewropea. Hija r-riżultat ta' evoluzzjoni storika li bdiet fi żmien l-Illuminiżmu bid-duttrina tad-drittijiet tal-bniedem u imponiet ruħha fl-aħħar seklu bis-saħħa tal-impenn ta' għadd ta' nisa li ssieltu għal-libertà u għad-dritt tal-awtodeterminazzjoni, kif jixhed it-tnaqqix tal-idea tal-ugwaljanza tad-drittijiet f'ħafna dikjarazzjonijiet u strumenti legali f'oqsma l-iktar diversi [3].

3 — Marie Gouze, magħrufa wkoll bl-isem ta' Olympe de Gouges (1748-1793) u li abbozzat id- "Dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-Mara u taċ-Ċittadina" fl-1791, tista' titqies bħala pijuniera tal-idea tal-ugwaljanza tad-drittijiet tal-mara. Marie Curie (1867-1934), b'mod partikolari, li kienet l-ewwel mara li għallmet is-Sorbonne u rebħet il-premju Nobel, iddistingwiet ruħha fil-ġlieda tagħha kontra d-diskriminazzjonijiet li kienu jiżvantaġġjaw lin-nisa fil-ħajja professjonali.

## II — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt tal-Unjoni* [4]

5. L-ewwel erba' artikoli tad-Direttiva 79/7/KEE huma redatti kif ġej:

"*L-Artikolu 1*

L-għan ta' din id-Direttiva huwa l-implimentazzjoni progressiva, fil-qasam tas-sigurtà soċjali u l-elementi l-oħra ta' protezzjoni soċjali pprovduti fl-Artikolu 3, tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, minn issa 'il quddiem imsejjaħ il-prinċipju tat-trattament 'ugwali'.

*L-Artikolu 2*

Din id-Direttiva tgħodd għall-popolazzjoni li taħdem - inklużi dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tieqaf għal xi żmien minħabba mard, disgrazzja jew qgħad involontarju u persuni li qed ifittxu x-xogħol

4 — Skont l-indikazzjonijet utilizzati fit-TUE u fit-TFUE, il-kunċett tad-"dritt tal-Unjoni" jirreferi kemm għad-dritt Komunitarju kif ukoll għad-dritt tal-Unjoni. Sa fejn ser jiġu invokati dispożizzjonijiet tad-dritt primarju fil-paġni li ġejjin, ser nuża, kull darba, it-terminoloġija fis-seħħ *ratione temporis*.

- lill-ħaddiema irtirati jew invalidi u persuni li jaħdmu għal rashom.

*L-Artikolu 3*

1. Din id-Direttiva għandha tgħodd għal:

(a) l-iskemi statutorji li jipprovdu protezzjoni kontra r-riskji li ġejjin:

— mard,

— invalidità,

— anzjanità,

— disgrazzji fuq ix-xogħol u mard li ġej mix-xogħol,

— qgħad;

(b) assistenza soċjali, sal-punt li hija maħsuba li żżid jew tieħu l-post ta' l-iskemi msemmija f'(a).

2. Din id-Direttiva ma tgħoddx għad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-benefiċċji tas-superstiti u lanqas għal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-benefiċċji tal-familja, ħlief fil-każ tal-benefiċċji tal-familja mogħtija bħala żieda tal-benefiċċji li għandhom jingħataw dwar riskji msemmija fil-paragrafu 1 (a).

3. Sabiex jiżgura l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali fi skemi ta' xogħol, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, sejjer jadotta dispożizzjonijiet li jiddefinixxu s-sustanza, l-intenzjoni u l-arranġamenti biex jiġi applikat.

*L-Artikolu 4*

1. Il-prinċipju tat-trattament ugwali jfisser li m'għandu jkun hemm ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess kemm direttament, jew indirettament speċjalment b'riferenza għall-istat maritali jew tal-familja f'dak li għandu x'jaqsam ma':

— l-għan ta' l-iskemi u l-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għalihom,

— l-obbligu li wieħed jikkontribwixxi u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet,

— il-kalkolu tal-benefiċċji inklużi ż-żidiet rigward konjuġi u dipendenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-tul u ż-żamma tal-benefiċċji.

2. Il-prinċipju tat-trattament ugwali għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rigward il-protezzjoni tan-nisa minħabba l-maternità."

B — *Id-dritt nazzjonali*

6. Il-kuntest legali nazzjonali huwa magħmul mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tad-9 ta' Settembru 1955 dwar l-Assigurazzjoni Soċjali Ġenerali (Allgemeines Sozialversicherungsgesetz; iktar 'il quddiem: l-ASVG) [5]. L-Artikoli 108 *et seq* tal-ASVG jistabbilixxu sistema globali ta' aġġustament tal-pensjonijiet.

7. L-Artikolu 108(5) jiddefinixxi l-koeffiċjent ta' aġġustament kif ġej:

"Koeffiċjent ta' aġġustament: il-Ministru Federali għas-Sigurtà Soċjali, għall-Ġenerazzjonijiet u għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi għandu jistabbilixxi kull sena b'digriet, għas-sena ċivili sussegwenti, il-koeffiċjent ta' aġġustament (l-Artikolu 108 f), sa mhux iktar tard mit-30 ta' Novembru ta' kull sena. Id-digriet għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-Gvern Federali. Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jipprovdu xorta oħra, il-koeffiċjent ta' aġġustament għandu jintuża għaż-żieda tar-renti u tal-pensjonijiet kif ukoll għall-ammonti stabbiliti, relatati ma' benefiċċji fil-kuntest tas-sigurtà soċjali".

8. L-Artikolu 108 f tal-ASVG jipprovdi kif ġej:

"(1) Il-Ministru Federali għas-Sigurtà Soċjali, għall-Ġenerazzjonijiet u għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi għandu jistabbilixxi l-koeffiċjent ta' aġġustament għal kull sena ċivili billi jieħu inkunsiderazzjoni l-valur ta' referenza stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 108e(9).

(2) Il-valur ta' referenza għandu jiġi stabbilit b'mod illi ż-żieda fil-pensjonijiet li tirriżulta mill-adattament mal-valur ta' referenza, tikkorrispondi għaż-żieda fil-prezzijiet tal-konsum, skont il-paragrafu 3. Għandu jitressaq għal tliet punti deċimali.

(3) Iż-żieda fil-prezzijiet tal-konsum għandha tiġi ddeterminata abbażi taż-żieda medja fuq tnax-il xahar ċivili, sax-xahar ta' Lulju tas-sena li tippreċedi s-sena tal-adattament, b'referenza għall-indiċi tal-prezzijiet tal-konsum għall-2000 jew għal kwalunkwe indiċi ieħor li jkun isosstitwieh. […]"

9. L-Artikolu 108h tal-ASVG jistabbilixxi r-regoli segwenti għal dak li għandu x'jaqsam mal-aġġustament annwali tal-pensjonijiet:

"(1) B'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena,

(a) il-pensjonijiet kollha mogħtija mis-sigurtà soċjali li għandhom ġurnata ta' referenza […] qabel l-1 ta' Jannar ta' din is-sena

(b) […]

għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjent tal-aġġustament. […]"

5 — Bundesgesetz vom 9. September 1955 über die Allgemeine Sozialversicherung (Allgemeines Sozialversicherungsgesetz — ASVG), BGBl. 189/1955, li l-aħħar emenda tiegħu ġiet introdotta permezz tal-Bundesgesezt BGBl. I 150/2009.

10. Il-koeffiċjent għall-aġġustament tal-pensjonijiet għas-sena 2008 kien ġie stabbilit għal 1.017, permezz ta' deċiżjoni tal-Ministru Federali għall-Affarijiet Soċjali [6]. Dan ifisser illi fl-2008, il-pensjonijiet kollha li jaqgħu taħt l-ASVG, żdiedu, bħala regola b' 1.7 %.

11. B'deroga minn dan il-koeffiċjent, il-paragrafu 10 tal-Artikolu 634 tal-ASVG, fil-verżjoni tal-Bundesgesetz BGBl. I 101/2007 [7], stabbilixxa, għas-sena 2008, żieda fil-pensjoni li kienet straordinarja:

"B'deroga mill-ewwel sentenza tal-paragrafu 1, tal-Artikolu 108 h, il-pensjonijiet li huma ogħla minn EUR 746.99 fix-xahar ma għandhomx jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjent tal-aġġustament matul is-sena ċivili 2008, iżda miżjuda skont l-indikazzjonijiet segwenti: Jekk il-pensjoni fix-xahar hija

1. bejn EUR 746.99 u EUR1 050, din għandha tiżdied b'EUR 21;

2. bejn EUR 1 050 u EUR 1 700, din għandha tiġi mmultiplikata bil-fattur ta' 1.020;

3. bejn EUR 1 700 u EUR 2 161,50, din għandha tiżdied b'rata li tonqos b'mod lineari bejn il-valuri ċċitati iktar 'il fuq, ta' 2.0 % sa 1.7 %;

4. ogħla minn EUR 2 161,50, għandha tiżdied b'EUR 35.57."

12. Il-persuni li jibbenefikaw minn pensjoni ta' rtirar jew tas-superstiti, li d-dħul minnha jkun talment fqir li ma jkoprix il-minimu għall-għajxien għaliex il-perijodi ta' assigurazzjoni li jkunu ħallsu ma jkunux biżżejjed jew għaliex il-bażi ta' kalkolu għall-pensjoni tagħhom huwa wisq baxx, għandhom id-dritt għal suppliment kumpensatorju, skont l-Artikolu 292 tal-ASVG. L-ammont ta' dan il-minimu għall-għajxien huwa stabbilit mid-dritt soċjali, skont 'l hekk imsejjaħ ammont standard tas-supplimenti kumpensatorji. Skont l-Artikolu 192(2) tal-ASVG, id-dħul globali nett tal-konjuġi li jkunu qed jgħixu flimkien għandu jittieħed inkunsiderazzjoni

6 — BGBl. 2 337/2007.

7 — Liġi federali li temenda l-liġi federali dwar l-istituzzjonijiet għat-trattament u l-kura, il-liġi dwar it-tobba tal-1998, il-liġi dwar il-fondi għall-finanzjament tal-istituzzjonijiet għall-kura privata, il-liġi ġenerali dwar is-sigurtà soċjali, il-liġi dwar is-sigurtà soċjali tal-ħaddiema fil-kummerċ u fl-industrija, il-liġi dwar is-sigurtà soċjali tal-bdiewa, il-liġi dwar l-assigurazzjoni tal-mard u l-assigurazzjoni tal-inċidenti tal-impjegati taċ-ċivil, il-liġi dwar l-assigurazzjoni tal-qagħad tal-1977, il-liġi dwar il-benefiċċju speċjali, il-liġi dwar il-protezzjoni tal-forzi armati, il-liġi dwar il-protezzjoni tal-vittmi tal-gwerra tal-1957 u l-liġi dwar l-aġġustament familjari tal-1967 (liġi federali li tadatta d-dispożizzjonijiet legali għall-ftehim konklużż skont l-Artikolu 15a tal-BV-G dwar l-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-sistema tas-saħħa għas-snin 2008 sa 2013) Bundesgesetz, mit dem das Bundesgesetz über Krankenanstalten und Kuranstalten, das Ärztegesetz 1998, das Privatkrankenanstalten-Finanzierungsfondsgesetz, das Allgemeine Sozialversicherungsgesetz, das Gewerbliche Sozialversicherungsgesetz, das Bauern-Sozialversicherungsgesetz, das Beamten-Kranken- und Unfallversicherungsgesetz, das Arbeitslosenversicherungsgesetz 1977, das Sonderunterstützungsgesetz, das Heeresversorgungsgezetz, das Kriegsopferversorgungsgesetz 1957 und das Familienlasten-ausgleichsgesetz 1967 geändert werden (Bundesgesetz zur Anpassung von Rechtsvorschriften an die Vereinbarung gemäß Art. 15a B-VG über die Organisation und Finanzierung des Gesundheitswesens für die Jahre 2008 bis 2013) BGBl. I 101/2007.

biex jiġi ddeterminat jekk, fir-rigward ta' dan l-ammont standard, il-pensjonant għandux id-dritt għas-suppliment kumpensatorju. Fl-istess ħin li emendat l-paragrafu 10 tal-Artikolu 634 tal-ASVG, l-istess liġi li temenda ffissat dan l-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju minn EUR 726 għal EUR 747 (dan ifisser żieda ta' madwar 2.81 %) u, għal koppja li tgħix flimkien, minn EUR 1 091,17 għal EUR 1 120 (jiġifieri żieda ta' 2.58 %) (l-Artikolu 4Z 41 a, b, tal-liġi li temenda).

## III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li twieldet fit-8 ta' Ġunju 1947, tirċievi mingħand il-konvenuta, il-Pensionsversicherungsanstalt, pensjoni ta' rtirar skont ASVG, li għas-sena 2007 ammontat għal EUR 368.16 gross fix-xahar. Permezz tad-deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2008, il-konvenuta fil-kawża prinċipali ddeterminat illi l-pensjoni tar-rikorrenti kienet ser titla', mill-1 ta' Jannar 2008, għal EUR 374.42 gross fix-xahar, b'applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' aġġustament stabbilit għal 1.017, għas-sena finanzjarja 2008.

14. Huwa kontra din id-deċiżjoni illi huwa indirizzat l-ilment, peress illi r-rikorrenti fil-kawża prinċipali qed teżiġi l-ħlas ta' pensjoni għall-ammont ta' EUR 389.16 gross fix-xahar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2008. Hija ssostni illi l-aġġustament applikat mil-leġiżlatur b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 huwa inkompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza, li jikser il-garanzija kostituzzjonali tad-dritt ta' proprjetà u jinkludi diskriminazzjoni indiretta tan-nisa bi ksur tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7.

15. Il-qorti tal-prim'istanza laqgħet it-talba tagħha wara li stabbilixxiet illi l-aġġustament kien jiġbor fih diskriminazzjoni indiretta kontra n-nisa, bi ksur tal-liġi. Il-qorti tal-appell laqgħet ir-rikors ippreżentat mill-konveunta fil-kawża prinċipali kontra din id-deċiżjoni u kkonfermat l-ammont ta' EUR 374.42 gross fix-xahar b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 li hija kienet stabbilit fid-deċiżjoni tagħha, iżda ċaħdet il-kumplament tar-rikors. Huwa kontra din is-sentenza tal-appell, illi hija diretta l-proċedura ta' Reviżjoni istitwita mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali quddiem l-Oberster Gerichtshof, bl-għan illi d-deċiżjoni tal-ewwel istanza tiġi kkonfermata.

16. Fil-kuntest tal-proċedura ta' Reviżjoni, l-Oberster Gerichtshof talbet lill-Verfassungsgerichtshof, il-qorti kostituzzjonali Awstrijaka, it-tneħħija tal-espressjoni "die mehr als 746,99 Euro monatlich betragen" ("iktar minn EUR 746.99 fix-xahar ") li tinsab fil-paragrafu 10 tal-Artikolu 634 tal-ASVG, fil-verżjoni tal-Bundesgesetz BGBl. 101/2007, kif ukoll it-tneħħija tal-espressjoni "iktar minn EUR 746.99" li tinsab fil-paragrafu 10 Z 1 tal-Artikolu 634 tal-ASVG, fil-verżjoni tal-Bundesgesetz BGBl. 101/2007, peress illi

d-dispożizzjonijiet li jirriżervaw, għas-sena finanzjarja 2008, iż-żieda straordinarju tal-pensjonijiet, unikament għall-pensjonijiet li huma ogħla minn EUR 749.99, imorru kontra l-prinċipju ta' ugwlajanza. Permezz tas-sentenza tagħha tal-24 ta' Settembru 2009, il-Verfassungsgerichtshof ċaħdet din it-talba, kif ukoll il-143 talba analoga ta' qrati Awstrijaċi oħra li ngħaqdu fi proċedura konġunta. Wara n-notifika ta' din is-sentenza, l-Oberster Gerichtshof kienet marbuta tipproċedi *ex officio* bil-proċedura ta' Reviżjoni.

17. Il-proċedura fil-kawża prinċipali għandha l-għan li ssolvi l-kwistjoni, li għadha kontenzjuża bejn il-partijiet, dwar jekk l-aġġustament tal-pensjonijiet, applikat mil-leġiżlatur għas-sena finanzjarja 2008, kienx jikser l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7 minħabba diskriminazzjoni indiretta kontra n-nisa. L-Oberster Gerichtshof irrikonoxxiet illi kellha xi dubji dwar l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tad-direttiva u għalhekk iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tressaq id-domandi preliminari segwenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja:

1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sistema ta' aġġustament annwali tal-pensjoni (valorizazzjoni) prevista mil-leġiżlazzjoni dwar l-assigurazzjoni għall-irtirar obbligatorja hija wkoll suġġetta għall-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni msemmija fil-paragarafu 1 ta' din id-dispożizzjoni?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

   L-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali ta' sistema ta' aġġustament annwali tal-pensjoni li tipprovdi, għal grupp speċifiku ta' persuni intitolati għall-pensjoni li jirċievu pensjoni minima, żieda potenzjalment inqas miż-żieda applikabbli għal persuni oħra intitolati għal pensjoni sa fejn din il-leġiżlazzjoni għandha effetti sfavorevoli għal 25 % tal-pensjonanti rġiel iżda effett sfavorevoli għal 57 % tal-pensjonanti nisa, u dan fin-nuqqas ta' kwalunkwe motiv oġġettiv ta' ġustifikazzjoni?

3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda:

   Trattament sfavorevoli tan-nisa fiż-żieda annwali tal-pensjoni tagħhom jista' jiġi ġġustifikat permezz tal-fatt li huma jirċievu iktar kmieni l-pensjoni, permezz tal-fatt li huma jirċievu l-pensjoni tagħhom għal żmien itwal jew permezz tal-fatt li l-ammont standard għal qligħ minimu previst mid-dritt soċjali (ammont standard tal-benefiċċji ta' kumpens) ġie miżjud b'mod proporzjonalment ogħla jew inkella permezz tat-tliet motivi flimkien meta d-dispożizzjonijiet dwar l-għoti tal-qligħ minimu tad-dritt soċjali (benefiċċju ta' kumpens) jipprovdu li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-qligħ l-ieħor tal-persuna intitolata għall-pensjoni kif ukoll il-qligħ tal-konjuġi tagħha li joqgħod magħha filwaqt li l-pensjonijiet tal-pensjonanti l-oħra

huma miżjuda mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-qligħ tal-persuna intitolata għall-pensjoni jew il-qligħ tal-konjuġi tagħha?

jkoprix l-aġġustament tal-pensjonijiet, hija għandha l-għan aħħari li tħares l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali u li għaldaqstant għandha tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda.

## IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Id-deċiżjoni tar-rinviju, li hija ddatata d-9 ta' Frar 2010, waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Marzu 2010.

19. Il-Gvern Awstrijak, l-Irlanda kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu stabbilit mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

20. L-aġenti tal-Gvern Awstrijak, tal-Irlanda u tal-Kummissjoni dehru waqt is-seduta tat-13 ta' April 2011 biex jippreżentaw s-sottomissjonijiet orali tagħhom.

## V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

### A — *Dwar l-ewwel domanda preliminari*

21. Il-*Gvern Awstrijak* iqis illi, għalkemm il-mod ta' kif hija redatta d-Direttiva 79/7 ma

22. L-*Irlanda* tipproponi, min-naħa l-oħra, illi r-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7 għandu jiġi interpretat fis-sens illi s-sistema għall-aġġustament annwali tal-pensjonijiet (jew ta' indiċjar), stabbilita mill-assigurazzjoni legali għall-irtirar, ma taqax fl-ambitu tal-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni, stabbilita fil-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni.

23. Biex issostni l-argument tagħha, hija tfakkar l-ewwel nett illi, biex benefiċċju jaqa' fl-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva 79/7, irid ikun tali li jidħol f'sistema legali, għall-protezzjoni kontra wieħed mir-riskji elenkati fiha stess jew jikkostitwixxi forma ta' għajnuna soċjali bl-istess għan. Jekk wieħed japplika din id-definizzjoni, ikun jidher illi l-pensjoni prinċipali mħallsa lil W. Brachner, wara li għalqet is-sittin sena, taqa' fl-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva 79/7. Min-naħa l-oħra, l-aġġustament annwali tal-pensjonijiet li jitwettaq fl-Awstrija, jissodisfa funzjoni differenti inkwantu huwa għandu l-għan li jiżgura li dawk kollha li huma intitulati għal-pensjonijiet, ikollhom livell ta' dħul minimu. Għalhekk ma għandux rapport dirett mal-għan tal-protezzjoni kontra r-riskji tax-xjuħija.

24. L-Irlanda barra minn hekk tagħmel analoġija mal-ġurisprudenza li tikkonċerna l-Artikoli 46 u 51 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità [8], ġurisprudenza li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet distinzjoni bejn il-pensjonijiet bażiċi tax-xjuħija u l-aġġustamenti marbuta mal-evoluzzjoni tal-livell tal-prezz, eċċ.. Skont din il-ġurisprudenza, trid issir distinzjoni bejn il-kalkolu inizjali tal-pensjoni ta' xjuħija (jiġifieri il-mod kif jiġi kkalkolat l-ammont tal-pensjoni mħallsa mal-ewwel skadenza) u l-aġġustamenti ulterjuri, li jemendaw l-ammont tal-benefiċċji billi jgħolluhom b'somma jew b'perċentwali ddeterminat fir-rigward ta' elementi bħalma hija l-inflazzjoni.

25. Skont l-Irlanda, l-ewwel kalkolu ta' pensjoni ta' xjuħija jaqa' fl-ambitu tal-kunċett ta' "kalkolu ta' benefiċċji" u għalhekk jaqa' fil-kamp tal-applikazjoni tad-Direttiva 79/7. L-aġġustamenti ulterjuri applikati skont l-għoli tal-ħajja madankollu, ma jagħmlux parti mill-"kalkolu tal-benefiċċji" u għalhekk jaqgħu lil hinn mill-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-direttiva.

26. Il-*Kummissjoni* tipproponi illi r-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7 għandu jiġi interpretat fis-sens illi s-sistema ta' aġġustament annwali (indiċjar) stabbilita bil-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja tal-irtirar, taqa' fl-ambitu tal-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni.

27. Hija tqis illi d-Direttiva 79/7 għandha tiġi interpretata f'sens wiesgħa u li ma tapplikax biss għall-kalkolu inizjali tal-benefiċċji soċjali, iżda wkoll għall-indiċjar ulterjuri. Hija tkun mxejna minn kull effett li kieku kellha tapplika biss għall-kalkolu inizjali, bl-esklużjoni tal-indiċjar kollu ulterjuri. Fil-fatt, l-Istati Membri jkunu jistgħu, fl-aħar każijiet, jeskludu kompletament lill-persuni li jappartjenu lil sess partikolari minn kwalunkwe adattament fil-pensjonijiet, li fuq medda ta' żmien jwassal għal differenzi kunsiderevoli bejn il-pensjonijiet tan-nisa u dawk tal-irġiel. Huwa inkonċepibbli li bħala leġiżlatur, il-Kunsill ħalla, bi żvista, lakuna legali bħal din.

28. L-aġġustament annwali tal-pensjonijiet jaqa' fl-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva 79/7, peress illi huwa direttament u effettivament marbut mal-protezzjoni tar-riskji elenkati fl-Artikolu 3(1), jiġifieri illi għandu l-għan li jipprojbixxi kwalunkwe tnaqqis fil-kapaċità ta' xiri tal-pensjonanti. L-aġġustament għandu bħala għan aħħari li jiggarantixxi l-valur tal-pensjonijiet u l-kapaċità ta' xiri li jiżgura. Barra minn hekk huwa direttament marbut mal-ammont mogħti inizjalment, li jservi għala bażi għall-kalkolu ta' kwalunkwe żieda f'perċentwali.

8 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 05 Volum 01 p. 35

29. Anki jekk wieħed kellu jippreżumi illi ż-żieda ulterjuri fil-pensjonijiet ma taqax fl-ambitu tal-kunċett ta' "kalkolu", dan ma jfissirx illi d-direttiva ma tkoprix l-adattamenti ulterjuri tal-pensjonijiet jew tal-indiċjar, u dan għaliex il-lista li tirriżulta mill-Artikolu 4 tad-direttiva stess mhix eżawrjenti, kif jindika l-mod ta' kif hija redatta din id-dispożizzjoni stess ("speċjalment").

B — *Dwar it-tieni domanda preliminari*

30. Il-*Gvern Awstrijak* jippropona illi r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun illi, sa fejn is-sistema għall-aġġustament annwali tal-pensjonijiet, stabbilita mil-liġijiet dwar l-assigurazzjoni obbligatorja tal-irtirar (indiċjar), hija suġġetta għall-prinċipju ta' trattament ugwali skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE, dan l-Artikolu għandu jiġi interpretat fis-sens illi dispożizzjoni nazzjonali għall-aġġustament annwali tal-pensjonijiet li tistabbilixxi, għal kategorija partikolari ta' persuni intitolati għall-pensjoni, żieda li hija potenzjalment inferjuri għaż-żieda applikabbali għal katergorija oħra ta' persuni intitolati għall-pensjoni, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni abbażi tas-sess, għaliex il-perċentwali ta' pensjonanti kkonċernati ta' dan is-sess f'din il-kategorija ta' persuni mhux għoli meta mqabbel man-numru totali ta' pensjonanti, jew ma jeżistux kategoriji oħra ta' persuni li s-sitwazzjoni tagħhom tista' titkejjel ma' dik tal-kategorija li hija pretiża bħala żvantaġġjata.

31. Insostenn tar-risposta li qed jipproponi, huwa jisħaq illi, l-ewwel nett, għal dak li għandu x'jaqsam mal-perċentwali ta' pensjonanti tas-sess maskil (25 %) u ta' pensjonanti tas-sess femminil (57 %), iċċitati mill-qorti tar-rinviju, ma hemm xejn li jwassal għall-pretensjoni illi l-miżura inkwistjoni fil-fatt tiżvantaġġja "perċentwali ogħla ta' nisa milli ta' irġiel". Minkejja li l-ġurisprudenza ma tippermettix li jiġi stabbilit perċentwali ddeterminat li malli jinqabeż tirriżulta d-diskriminazzjoni indiretta, id-differenzi fil-perċentwali ppreżentati fil-kawża preżenti, ma humiex daqshakk kunsiderevoli li għandhom effettivament jitqiesu li jimplikaw diskriminazzjoni.

32. Barra minn hekk, huwa jindika illi kwalunkwe miżura fil-qasam tal-pensjonijiet, tagħti lok għal effetti distinti skont is-sessi minħabba d-differenzi bejn l-irġel u n-nisa fil-qasam tal-akkwist tad-drittijiet għal pensjoni. Jekk il-miżuri adottati mil-leġiżlatur kienu biss evalwati fid-dawl tal-perċentwali tal-irġiel u tan-nisa kkonċernati, allura, kuntrarjament għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri ser jiġi mċaħħda mill-awtonomija konċessa lilhom mid-dritt Komunitarju fil-qasam tal-politika soċjali. Għandu jiġi evitat li fil-ġejjieni, tkun biss il-valutazzjoni lineari tal-pensjonijiet kollha skont perċentwali uniku fil-każ tal-aġġustament tal-pensjonijiet li ma tkunx tista' titqies bħala diskriminatorja.

33. Skont il-Gvern Awstrijak, huwa biss il-paragun bejn is-sitwazzjoni ta' kull grupp meta mqabbel mal-persuni kollha intitolati għall-pensjoni li jippermetti li jiġi stabbilit jekk hemmx jew le diskriminazzjoni. Mill-eżami tal-perċentwali kkonċernati jirriżulta illi, fl-ebda mill-eżempji, in-nisa ma huma daqshekk żvantaġġjati li jista' jingħad illi l-miżura hija diskriminatorja, b'mod illi, anki għal din ir-raġuni biss, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tmurx kontra d-Direttiva 79/7. Indipendentement minn dan, il-Gvern josserva illi, biex ikun jista' jiġi konkluż li teżisti diskriminazzjoni, wieħed irid jibbaża ruħu fuq grupp partikolari u ċar ta' referenza. Irid jingħad illi ma jeżisti l-ebda grupp ta' referenza ċar għall-aġġustament tal-pensjonijiet tal-2008 għaliex l-ammont tal-valorizzazzjoni kien differenti skont is-sitwazzjoni individwali ta' dawk interessati u, jekk ikun il-każ, tar-raġel jew tal-mara tagħhom.

34. L-*Irlanda* tipproponi illi r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun illi l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE ma jipprojbixxix dispożizzjoni nazzjonali għall-aġġustament annwali tal-pensjonijiet li tistabbilixxi, għal grupp determinat ta' persuni li huma intitolati għall-pensjonijiet minimi, żieda li hija potenzjalment inferjuri għaż-żieda applikabbli għal persuni oħra li huma intitolati għall-pensjonijet.

35. Skont l-Irlanda, trid l-ewwel nett tiġi ddeterminata s-sitwazzjoni li magħha ser titqabbel dik tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u, fit-tieni lok, jekk il-persuna (jew il-kategorija ta' persuni) li magħha ser titqabbel tibbenefikax minn trattament iktar vantaġġjuż minn W. Brachner. F'każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, wieħed irid jitratta l-punt jekk persuna tas-sess l-ieħor hix ivvantaġġjata minħabba dan in-nuqqas ta' trattament ugwali. F'każ ta' rispost fl-affermattiv għal din l-ewwel domanda, irid jiġi stabbilit jekk in-nuqqas ta' trattament ugwali, hux iġġustifikat abbażi ta' motivi oġġettivi mhux relatati mas-sess. L-Irlanda tikkonkludi illi l-paraguni applikati mill-qorti tar-rinviju ma għandhom l-ebda rabta mas-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, b'mod illi d-domandi preliminari huma ipotetiċi u għalhekk inammissibbli.

36. Fl-ipotesi illi l-Qorti tal-Ġustizzja tkun ta' opinjoni differenti u tiddeċiedi illi d-domandi preliminari huma ammissibbli, l-Irlanda ssostni illi l-espożizzjoni tal-fatti pprovduta mill-qorti nazzjonali ma tippermettix li wieħed jistabbilixxi jekk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali (jew il-kategorija ta' persuni li lilha tappartjeni) kinitx is-suġġett ta' trattament inqas favorevoli minn persuna ta' referenza li hija identifikabbli tas-sess maskil (jew minn grupp ta' referenza, kompost fil-maġġoranza tiegħu minn irġiel). Jekk huwa effettivament minnu illi l-pensjonijiet ta' ċerti kategoriji ta' irtirati ġew awmentati b'perċentwali ogħla minn kategoriji oħra, dawn tal-aħħar mhux kollha huma prinċipalment komposti minn irġiel.

37. Skont l-Irlanda, xejn ma jippermetti li tiġi ddeterminata l-miżura li fiha s-sistema għall-benefiċċju tal-kumpens tista' tkun diskriminatorja. 54% tal-persuni li

jibbenefikaw huma nisa, li jikkorrispondi prattikament għall-perċentwali ta' nisa fil-kategorija tal-irtirati (53 %), b'mod illi ma hemm xejn li jawtorizza li jiġi ddeterminat illi l-kategorija ta' dawk li jibbenefikaw mis-suppliment kumpensatorju hija kkostitwita prinċipalment minn nisa jew irġiel. Din tirrifletti biss il-perċentwali rispettivi tat-totalità tal-popolazzjoni rtirata. Il-pensjoni bażika hija indiċjar mingħajr l-imputazzjoni ta' dħul ieħor (b'mod illi f'dan ir-rigward, il-prinċipji applikabbli ma jkunux l-istess bħal dawk applikabbli fil-qasam tas-suppliment kumpensatorju). Dawn il-prinċipji japplikaw madankollu kemm għal dawk li jirċievu pensjonijiet modesti (li prinċipalment huma nisa) kif ukoll għal dawk li jirċievi pensjonijiet għoljin (li fil-maġġorana tagħhom huma irġiel). Għalhekk wieħed ma jistax jiddikjara li dawn iż-żewġ metodi ta' kalkolu għandhom l-effet li jiffavorixxu grupp li essenzjalment huwa kompost minn irġiel, meta mqabbel ma' grupp kompost prinċipalment minn nisa. Minkejja li l-grupp ta' persuni li jirċievu pensjonijiet għoljin (kompost fil-maġġoranza tiegħu minn irġiel) huwa b'xi mod iffavurit, il-grupp li huwa allegatament żvantaġġjat (il-persuni li jirċievu s-suppliment kumpensatorju) mhux kompost prinċipalment minn nisa.

38. Fl-aħħar nett, l-Irlanda tenfasizza li l-użu ta' metodu differenti għall-kalkolu tad-dħul għall-finijiet tas-suppliment kumpensatorju u għall-finijiet tal-pensjoni ordinarja jaqa' fl-ambitu tas-setgħa diskrezzjonali tal-Istat Membru, li huwa liberu li jissuġġetta ċerti benefiċċji għall-kundizzjoni tar-riżorsi, iżda mhux oħrajn.

39. Il-*Kummissjoni* tipproponi illi r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun illi l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens illi jipprojbixxi dispożizzjoni nazzjonali relatata mal-aġġustament annwali tal-pensjonijiet li tistabbilixxi żieda li potenzjalment hija iktar baxxa għal ċerti persuni intitolati għall-pensjonijiet minimi, milli għal oħrajn, meta din id-dispożizzjoni taffetwa b'mod żvantaġġjuż lil 25 % ta' dawk intitolati għall-pensjoni tas-sess maskil, iżda 57 % ta' dawk intitolati għall-pensjoni tas-sess femminil, sakemm din id-differenza ma tistax tiġi ġġustifikata abbażi ta' fatturi oġġettivi li ma humiex marbuta ma' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni imsejsa fuq is-sess.

40. Biex issostni l-argument tagħha, hija tindika illi, skont il-ġurisprudenza, miżura twassal għal trattament ugwali meta l-perċentwali tal-ħaddiema femminili li jissodisfaw ċerta kundizzjoni biex jingħataw protezzjoni kontra t-tkeċċija, irid ikun "kunsiderevolment iktar baxx" mill-perċentwali tal-irġiel jew irid ikun hemm "differenza inqas kunsiderevoli, iżda peristenti u relattivament kostanti għal perijodu twil". Il-qorti tar-rinviju indikat illi 57 % tan-nisa jirċievu pensjoni minima meta mqabbla mal-25 % tal-irġiel, b'mod li huwa evidenti illi huma prinċipalment in-nisa li huma affetwati b'mod negattiv u li għalhekk jeżisti oġġettivament trattament żvantaġġjuż għad-detriment tan-nisa. Din id-diskriminazzjoni

hija iktar serja peress illi n-numru ta' nisa li ma jirċevux is-suppliment kumpensatorju huwa bil-bosta ogħla minn dak tal-irġiel.

C — *Dwar it-tielet domanda preliminari*

41. Il-*Gvern Awstrijak* jipproponi illi r-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li, fl-ipoteżi illi l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ż-żieda potenzjalmnt inferjuri għaż-żieda applikabbli għal persuni oħra intitolati għal pensjoni tikkostitwixxi diskriminazzjoni fir-rigward tan-nisa, dan it-trattament żvantaġġjuż jista' jiġi ġġustifikat b'rabta diretta maż-żieda straordinarja fis-suppliment kumpensatorju u abbażi tal-għan tal-ġlieda kontra l-faqar (li huwa għan leġittimu tal-politika soċjali). Il-miżura adottata hija idoneja biex jitwettaq l-għan imfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan il-għan. It-teħid inkunsiderazzjoni ta' dħul ieħor, kif ukoll tad-dħul tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb jew sieħba, iddikjarati bħala koabitanti, fil-kalkolu tal-benefiċċju ta' kumpens, huwa, għal dan il-għan, mingħajr effett.

42. Biex jiġġustifika ż-żieda straordinarja tal-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju, il-Gvern Awstrijak ifakkar illi l-aġġustament tal-pensjonijiet tal-2008 kellhom l-għan li jgħinu lill-persuni intitolati għal pensjoni modesta jew pensjoni minima, għaliex impona l-ħtieġa li tittieħed miżura sinjifikattiva biex wieħed jissielet kontra l-faqar tal-persuni avvanzati fiż-żmien. Madankollu, persuni bħalma hija r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li kellha dħul ieħor (dħul personali jew dħul tar-raġel tagħha) ma kellhiex bżonn din il-miżura tal-politika soċjali. Fil-fatt, nies f'din is-sitwazzjoni ma kinux eżattament mhedda mill-faqar peress illi kienu jibbenefikaw minn dħul ieħor, minbarra l-pensjoni tagħhom u konsegwentement ma kellhomx bżonn żieda straordinarja, li tmur lil hinn mis-sempliċi applikazzjoni tal-indiċi tal-prezzijiet tal-konsum.

43. Mill-bqija, il-Gvern Awstrijak jirreferi għas-sentenza tal-24 ta' Settembru 2009 li fiha l-Verfassungsgerichstshof Awstrijaka ddikjarat illi l-aġġustament tal-pensjonijiet tal-2008 kien konformi mal-kostituzzjoni, li ma kien jikser l-ebda dritt fundamentali u, b'mod partikolari, li ma kienx imur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza. Barra minn hekk, irrikonoxxiet ir-rabta diretta (konverġenza tal-effetti) bejn l-aġġustament tal-pensjonijiet u ż-żieda straordinarja tas-suppliment kumpensatorju. Din tal-aħħar għandha għalhekk tittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni taż-żieda tal-benefiċċji tal-pensjonijiet permezz tal-azzjoni tal-aġġustament straordinarju għall-pensjonijiet 2008.

44. L-*Irlanda* tipproponi illi r-riposta għat-tielet domanda preliminari għandha tkun illi t-trattament żvantaġġjuż tan-nisa relatat maż-żieda annwali fil-pensjoni tagħhom jista'

jiġi ġġustifikat mill-fatt illi huwa meħtieġ u idoneju għat-twettiq ta' għan tal-politika soċjali u ekonomika li oġġettivament huwa mingħajr rabta mal-iċken diskrimiknazzjoni bbażata fuq is-sess. Meta Stat Membru jinvoka l-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 79/7, żvantaġġ jista' wkoll jiġi ġġustifikat abbażi tal-fatt illi n-nisa jibdew jirċievu l-benefiċċju tal-pensjoni f'età nqas avvanzata u abbażi tal-fatt illi jirċievu l-pensjoni għal żmien itwal.

45. Insostenn tal-argument tagħha, l-Irlanda tesponi illi s-sistemi ta' għajnuna soċjali bil-fors illi japplikaw għal ċerti kategoriji ta' benefiċċjarji, filwaqt li jeskludu oħrajn minnhom u dan abbażi ta' kriterji u ta' distinzjonijiet li jistgħu jkunu kumplessi. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija abbondanti għal dak li għandu x'jaqsam ma' każijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet illi l-kriterji stabbiliti mis-sistemi nazzjonali inkwistjoni quddiemha kienu msejsa fuq ġustifikazzjoni leġittima. Għalkemm il-kunsiderazzjonijiet baġitarji ma jistgħux waħedhom jiġġustifikaw diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet illi l-ħtieġa li tiġi żgurata l-amministrazzjoni tajba tal-infiq pubbliku tikkostitwixxi għan leġittimu. Skont l-Irlanda, fid-distribuzzjoni tad-dħul pubbliku, li huwa limitat, fil-kuntest ta' proċedura annwali baġitarja, l-Istati Membri jkollhom fil-mira tagħhom għadd ta' għanijiet leġittimi tal-politika soċjali u ekonomika, u b'mod partikolari d-distribuzzjoni tar-riżorsi pubbliċi limitati bejn kategoriji differenti u l-amministrazzjoni tajba tal-infiq pubbliku. L-Istati Membri għandhom marġni diskrezzjonali wiesgħa ħafna fl-implementazzjoni ta' din id-distribuzzjoni. Għalhekk, waqt l-indiċjar okkażjonali tal-ammonti, jista' jkun iktar faċli li tiġi applikata żieda fissa, milli jiġi kkalkolat perċentwali preċiż għal kull persuna. Fil-każ preżenti, il-qorti nazzjonali qasmet il-pensjonijiet f'erba' katergoriji, iżda dawn setgħu jinqasmu b'mod differenti ħafna fejn is-sistemi l-iktar kumplessi jistgħu jinkludu bosta kategoriji. Għall-Irlanda, l-ispiża għall-amministrazzjonijiet nazzjonali tkun ħafna iktar kunsiderevoli li kieku kellha twettaq analiżi abbażi tal-istatistika tal-proporzjon ta' irġiel u nisa f'kull sistema qabel ma jkunu jistgħu jikkonċedu l-inqas żieda fissa.

46. Fl-aħħar nett, l-Irlanda tiddikjara illi fl-Awstrija, l-età meta wieħed jibda jirċievi l-pensjoni tista' tkun differenti għall-irġiel u għan-nisa. Jekk dan kien effettivament il-każ, l-Awstrija tkun tista' tipprevalixxi ruħha mill-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 79/7, li jawtorizzaha biex ikollha regoli differenti għall-irġiel u għan-nisa meta dawn ikunu "neċessarjament" marbuta mad-differenza fl-età tal-irtirar.

47. Il-Kummissjoni tipproponi illi r-risposta għat-tielet domanda preliminari għandha tkun illi t-trattament sfavorevoli għan-nisa li huma intitolati għal pensjoni, meta l-pensjoni tagħhom tiżdied annwalment, ma jistax jiġi ġġustifikat mill-fatt illi huma jibdew jirċievu l-benefiċċju tal-pensjoni qabel, mill-fatt illi

huma jirċievu l-pensjoni għal żmien itwal jew mill-fatt illi l-ammont standard tad-dħul minimu stabbilit mid-dritt soċjali (ammont standard tas-suppliment kumpensatorju) kien is-suġġett ta' żieda proporzjonalment ogħla meta d-dispożizzjonijiet dwar l-għoti tad-dħul minimu fid-dritt soċjali (suppliment kumpensatorju) jistabbilixxu l-imputazzjoni ta' dħul ieħor tal-persuna intitolata għall-pensjoni, kif ukoll tad-dħul tal-konjuġi li jkun qed jgħix magħha, filwaqt illi l-pensjonijiet l-oħra huma miżjuda mingħajr l-imputazzjoni ta' dħul ieħor tal-persuna intitolata għall-pensjoni jew tad-dħul tar-raġel jew tal-mara.

marġni ta' manuvra lill-Istati Membri meta jamministraw is-sistemi tagħhom tas-sigurtà soċjali, din hija bbażat strettament fuq in-natura meħtieġa tar-regola u fuq il-kapaċità tagħha li tippermetti t-twettiq ta' għan partikolari tal-politika soċjali.

## VI — Kunsiderazzjonijiet legali

### A — *Osservazzjonijiet preliminari*

48. Għalkemm huwa minnu illi n-nisa jibdew jirċievu qabel il-benefiċċju tal-pensjoni u jirċevuha għal żmien itwal, xorta jibqa' l-fatt, skont il-Kummissjoni, illi n-numru ta' xhur ta' assigurazzjoni mwettqa jkun diġà ttieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tas-somma tal-pensjoni u ma jistax jerġa' jittieħed inkunsiderzzjoni għat-tieni darba. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-aspettativa tat-tul tal-ħajja medja, li hija itwal għan-nisa, il-Kummisjoni ttenni illi tali motiv ta' ġustifikazzjoni ma jistax jintlaqa' għaliex l-aspettativa ta' ħajja itwal hija differenza tipikament marbuta mas-sess. Wieħed ikun, barra minn hekk, iġġustifikat li jistaqsi f'iex jikkonsisti preċiżament l-għan leġittimu aħħari taż-żieda fl-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar illi, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja irrikonoxxiet, effettivament, ċerta

#### 1. Il-bażi tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fid-dritt tal-Unjoni

49. Il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa [9] fuq il-post tax-xogħol jokkupa post kruċjali fid-dritt industrijali Ewropew [10]. Fuq il-livell tad-dritt industrijali

9 — Għal espożizzjoni dettaljata tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-Ewropa, McCrudden, C./Prechal, S., *The Concepts of Equality and Non-Discrimination in Europe: A practical approach*, Rapport tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-impjiegi, għall-affarijiet soċjali u l-ugwaljanza fl-opportunitajiet, 2009.

10 — Ara, f'dan is-sens, Krimphove, D., *Europäisches Arbeitsrecht*, Munich 1996, p. 140.

internazzjonali, il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja professjonali, huwa stabbilit fil-konvenzjoni Nru 100 tal-organizzazzjoni internazzjonali tax-xogħol, tad-29 ta' Ġunju 1951, dwar l-ugwaljanza fil-ħlas bejn ix-xogħol manwali maskili u x-xogħol manwali femminili, għal xogħol ta' valur ugwali. Għal dak li għandu x'jaqsam iktar partikolarment mad-dritt industrijali tal-Unjoni Ewropea, il-punt 16 tal-Karta Komunitarja tad-drittijiet soċjali fundamentali tal-ħaddiema [11], li għalih jirreferi kemm il-preambolu tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 136(1) KE, jeżiġi illi t-trattament ugwali jiġi żgurat u l-ugwaljanza fl-opportunitajiet tiġi żviluppata. Id-dritt primarju, min-naħa tiegħu, jikkwota l-promozzjoni tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-għadd ta' għanijiet ġenerali stipulati fl-Artikoli 2 u 3(2) KE. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'ġurisprudenza stabbilita, enfasizzat l-importanza fundamentali ta' dan l-obbligu billi tikkwalifikah bħala regola fundamentali tad-dritt Komunitarju [12].

50. Oriġinarjament, il-leġiżlatur Komunitarju ma kienx introduċa regola li hija legalment vinkolanti fid-dritt primarju fil-qasam tat-trattament ugwali tal-ħaddiema taż-żewġ sessi, ħlief fil-qasam tal-ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet, jiġifieri l-Artikolu 141 KE (li issa sar l-Artikolu 157 TFUE). Din id-dispożizzjoni timponi fuq kull Stat Membru l-obbligu li tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali". Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-frattemp wessgħet dan il-prinċipju permezz tal-interpretazzjoni tagħha, biex tagħmel minnu ħafna regoli dettaljati kontra d-diskriminazzjoni. Iżda peress illi din id-dispożizzjoni tirrigwarda biss sitwazzjonijiet relatati mar-remunerazzjoni u mhux mat-trattament ugwali bejn is-sessi fil-ħajja professjonali inġenerali, il-leġiżlatur tal-Unjoni impenja ruħu, mis-snin 70 tal-millenju li għadda, b'mod iktar qawwi fir-rigward tat-tema tat-trattament ugwali universali bejn l-irġiel u n-nisa, f'għadd ta' atti legali fejn stabbilixxa regoli li jirregolaw b'mod ugwali aspetti tad-dritt soċjali, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-ħaddiema u mal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali [13]. Fost in-numru tal-atti ġuridiċi li adotta hemm id-direttiva 79/7 inkwistjoni fil-kawża preżenti, direttiva li tkopri l-aspett speċifiku tad-drittijiet soċjali fil-qasam tax-xogħol u għalhekk tikkompleta, sa ċertu punt,

11 — Il-punt 16 tal-Karta Komunitarja tad-drittijiet soċjali fundamentali tal-ħaddiema, huwa redatt kif ġej: "It-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa għandu jiġi żgurat. L-opportunitajiet ugwali bejn in-nisa u l-irġiel għandhom jiġu żviluppati. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu intensifikati, kull fejn dan huwa neċessarju, l-azzjonijiet biex tiġi ggarantita l-implementazzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, b'mod partikolari fl-aċċess għax-xogħol, ir-remunerazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali u l-evoluzzjoni tal-karrieri. Huwa wkoll meħtieġ li jiġu żviluppati miżuri li jippermettu lill-irġiel u lin-nisa jirrikonċiljaw l-obbligi tagħhom professjonali u familjari". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 — Ara essenzjalment is-sentenzi tat-8 ta' April 1976, Defrenne ("Defrenne II", 43/75, Ġabra p. 455, punt 12), tal-15 ta' Ġunju 1978, Defrenne ("Defrenne III", 179/77, Ġabra p. 1365, punti 26 u 27), tas-26 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, Ġabra p. 723, punt 36) u Beets-Proper (262/84, Ġabra p. 773, punt 38); ara wkoll is-sentenzi tal-24 ta' Frar 1994, Roks *et* (C-342/92, Ġabra p. I-571, punt 36), tas-6 ta' April 2000, Jørgensen (C-226/98, Ġabra p. I-2447, punt 39), tal-20 ta' Marzu 2003, Kutz-Bauer (C-187/00, Ġabra p. I-2741, punt 60), u tat-23 ta' Ottubru 2003, Schönheit u Becker (C-4/02 u C-5/02, Ġabra p. I-12575, punt 85).

13 — Ara Prechal, S., *Access to equality: An introduction, Access to equality between men and women in the European Community*, Brussell 1993, p. 1 *et seq*, u Bieback K.-J., *Die mittelbare Diskriminierung wegen des Geschlechts*, Baden-Baden 1997, p. 22 *et seq*. Kif jispjega Bieback, K.-J., *Europäisches Sozialrecht*, il-Ħames Edizzjoni, Baden-Baden 2010, p. 535, punt 1, huwa madankollu iktar diffiċli li wieħed jiddistingwi r-remunerazzjoni normali tal-benefiċċji tas-sistemi tal-impriżi tas-sigurtà soċjali u li dawn tal-aħħar jiġu distinti mis-sistemi legali jew statali, peress illi s-sistemi tal-impriżi ta' spiss jiddependu, b'mod estensiv, fuq is-sistemi statali u ma jistgħux jiġu rregolati b'mod raġonevoli mingħajr hom.

ir-regoli li jirriżultaw mill-Artikolu 141 KE. Huwa essenzjalment minħabba l-funzjoni kumplimentarja tad-dispożizzjonijiet tagħha fil-qasam tas-sigurtà soċjali, kif ukoll minħabba l-kompetenzi tal-Unjoni li għadhom insuffiċjenti fil-qasam tad-dritt industrijali u tad-dritt soċjali, li ġiet adottata d-Direttiva 79/7, abbażi tal-kompetenza supplimentari ġenerali mogħtija lil-leġiżlatur Komunitarju permezz tal-Artikolu 308 KE (l-Artikolu 352 TFUE).

51. Madankollu saret emenda essenzjali fil-frattemp, fil-qasam tad-dritt soċjali Ewropew, inkwantu wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, l-Artikolu 13 KE (li issa sar l-Artikolu 19 TFUE) u l-Artikoli 136 *et seq* KE (li issa saru l-Artikoli 151 *et seq* TFUE) ikkonferixxew fuq l-Unjoni, kompetenza regolatorja wiesgħa ħafna għat-totalità tas-sigurtà soċjali u tar-regoli ta' implementazzjoni għall-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni [14], kompetenza li ppermettiet l-adozzjoni ta' għadd ta' atti legali. Wieħed ma jistax ma jsemmix f'dan ir-rigward il-konferma definittiva tal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa permezz tal-introduzzjoni tiegħu fl-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea [15]. Minn naħa, dawn id-dispożizzjonijiet jipprojbixxu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u min-naħa l-oħra, jimponu fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha l-obbligu li jiżguraw l-ugwaljanza bejn iż-żewġ sessi fl-oqsma kollha tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

14 — Ara s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2011, Association Belge des Consommateurs Test-Achats *et* (C-236/09, Ġabra p. I-773, punti 18 *et seq*). Ara Schiek, D., *Europäisches Arbeitsrecht*, it-Tielet Edizzjoni, Baden-Baden 2007, p. 220, u Galantino, L., *Diritto comunitario del lavoro*, Turin 2000, p. 46 *et seq*.

## 2. L-inklużjoni tad-diskriminazzjonijiet indiretti

52. Minn mindu daħlet fis-seħħ, id-Direttiva 79/7 innifisha qatt ma kienet suġġetta għal emenda. Peress illi d-diskriminazzjonijiet diretti fis-sistemi tad-dritt soċjali nazzjonali kienu diġà ġew fil-biċċa l-kbira tagħhom eliminati, huwa prinċipalment fil-projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet indiretti msemmija b'mod partikolari fl-Artikolu 4(1), li tirriżulta l-importanza prattika [16] tagħha. Is-suspett fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kontenzjuża jikkonċerna barra minn hekk diskriminazzjoni indiretta abbażi tas-sess, kif tindika d-deċiżjoni tar-rinviju u jidher ċar illi, għalkemm il-leġiżlazzjoni ma tistabbilixxix b'mod espress is-sess bħala kriterju ta'

15 — ĠU KE 2010, C 83, p. 389.

16 — Ara Krimphove, D., *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), p. 140; Haverkate, G./Huster, S., *Europäisches Sozialrecht — Eine Einführung*, Baden-Baden 1999, punt 711, p. 399, fejn l-awturi jindikaw illi l-importanza prattika tad-Direttiva 79/7 tinsab fil-qasam tad-diskriminazzjonijiet indiretti, li barra minn hekk huma partikolarment imsemmija fl-Artikolu 4(1).

distinzjoni potenzjali, il-kategorija ta' persuni intitolati għal pensjoni minima, li ma jistgħux jibbenefikaw miż-żieda straordinarja, hija principalement magħmula min-nisa.

53. Madankollu, irid jiġi ddeterminat fl-ewwel lok, jekk il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 79/7 jkoprix l-aġġustament tal-pensjonijiet, previst fid-dritt nazzjonali. Dan huwa l-għan tal-ewwel domanda. It-tieni domanda tikkonċerna l-punt li jiġi stabbilit jekk il-miżura kontenzjuża tinkludiex diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess li hija pprojbita mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7 peress illi taffetwa l-linnisa u lill-irġiel b'mod differenti, kemm-il darba ma teżisti l-ebda raġuni oġġettiva ta' ġustifikazzjoni. Il-qorti tar-rinviju għamlet it-tielet domanda tagħha biex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tippreċiżalha jekk l-iżvantaġġ finanzjarju li kategorija ta' persuni intitolati għall-pensjoni ġġarrab minħabba l-fatt illi d-dħul l-ieħor tagħhom kif ukoll id-dħul tal-konjuġi koabitanti tagħha huwa meqjus għall-kalkolu tad-drittijiet tagħhom, meta dan mhux il-każ għal kategorija oħra ta' pensjonanti li għalihom din il-leġiżlazzjoni ma tapplikax, jistax jiġi ġġustifikat. Id-domandi preliminari ser jiġu eżaminati fl-ordni proposta, biex tkun tista' tingħata stampa aħjar tas-sitwazzjoni kollha.

54. Bħala prekawzjoni, nirrifjuta l-oġġezzjoni mqajma mill-Gvern Awstrijak, li ssostni illi l-Verfassungsgerichtshof ta' pajjiżu diġà ddikjarat bħala infondati r-riservi espressi mill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-kompattibiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, mal-prinċipju tal-ugwaljanza misjub fil-kostituzzjoni, prinċipju li jinkludi wkoll il-projbizzjoni ta' kwalunkwe projbizzjoni bbażata fuq is-sess. Huwa biżżejjed jekk inwieġeb fis-sens illi dan l-element ma għandux l-iċken impatt fuq din il-proċedura preliminari peress illi hawnhekk il-kwistjoni hija waħda tal-eżami esklussiv biex jiġi stabbilit jekk id-dritt tal-Unjoni jostakolax din il-leġiżlazzjoni. B'mod konformi mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Gustizja, l-funzjonament tas-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali teħtieġ, biex tkun żgurata s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, illi l-qorti nazzjonali tkun libera li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kwalunkwe domanda preliminari illi hija tqis meħtieġa, fi kwalunkwe mument tal-proċedura illi hija tqis idoneju, anki fl-aħħar ta' proċedura inċidentali għall-kontroll kostituzzjonali [17].

B — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

55. Kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-partijiet fil-kawża prinċipali jaqblu li jirrikonoxxu illi bħala persuna intitolata għall-pensjoni, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-direttiva 79/7 u li d-dispożizzjonijiet kontenzjużi jaqgħu wkoll, fil-prinċipju,

17 — Ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, Ġabra p. I-5667, punt 52).

fl-ambitu tal-applikazzjoni *ratione materiae* tagħha. Min-naħa l-oħra, il-partijiet ma jaqblux fuq il-punt li jiġi stabbilit jekk l-aġġustament annwali tal-pensjonijiet (indiċjar) li huwa previst mil-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja tal-irtirar, huwiex suġġett għall-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni, stabbilita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7 [18].

56. Mill-partijiet kollha fil-kawża prinċipali, hija biss l-Irlanda li tidher li tiddefendi argument differenti għal dak li għandu x'jaqsam mal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 79/7, b'mod illi ser nagħti xi spjegazzjonijiet differenti dwar dan l-aspett tal-kwistjoni. Għal din ir-raġuni, irid l-ewwel nett jiġi ddeterminat jekk l-aġġustament tal-pensjonijiet inkwistjoni, huwiex sistema legali li toffri protezzjoni kontra r-riskji elenkati fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 79/7. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, benefiċċju ma jaqax fl-ambitu tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva, ħlief jekk ikun jikkostitwixxi skema legali jew parti minnha li tħares kontra r-riskji elenkati fiha stess, jew ikun forma ta' għajnuna soċjali bl-istess għan [19]. Fi kliem ieħor, il-benefiċċju għandu jkollu rabta diretta u reali mal-protezzjoni mir-riskji elenkati fl-Artikolu 3(1) [20].

57. Din id-dispożizzjoni tad-direttiva espressament issemmi, fost oħrajn, ir-riskji tax-xjuħija. Ma hemm l-ebda dubju li l-pensjoni legali ta' xjuħija, li għaliha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali għandha dritt, tipprovdi protezzjoni legali kontra dawn ir-riskji, iżda jifformaw ta' bilfors parti minnhom ukoll l-indiċjar regolari tal-pensjoni bħalma huwa l-aġġustament tal-pensjonijiet inkwistjoni, li kif tindika l-qorti tar-rinviju [21], għandu l-għan li jissalvagwardja l-valur tal-pensjonijiet u li jżomm il-kapaċità ta' xiri tagħhom, iktar u iktar, kif spjega l-gvern Awstrijak [22], billi bl-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn, il-leġiżlatur kellu l-għan li jipproteġi lill-benefiċċjarji kontra riskju tipiku marbut max-xjuħija, jiġifieri il-faqar ta' persuni avvanzati fiż-żmien. L-adattamenti suċċessivi għall-indiċi tal-prezzijiet tal-konsum għandhom, fil-fatt, l-għan li jimpedixxu t-tnaqqis tal-kapaċità ta' xiri tal-pensjonanti u li jiżgurawlhom id-dħul meħtieġ għall-għajxien. Il-fatt illi t-test tad-direttiva ma jsemmix l-aġġustamenti tal-pensjoni, huwa ta' inqas importanza għall-interpretazzjoni ta' din tal-aħħar, fid-dawl tal-fatt illi s-sens u l-għan tal-Artikoli 3 u 4 tad-direttiva jiffavorixxu, b'mod ċar, interpretazzjoni fis-sens illi aġġustamenti bħal dawn jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-direttiva. Huwa diffiċli ferm li wieħed jikkonċepixxi,

18 — Ara paġna 7 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

19 — Ara s-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 1986, Drake (150/85, Ġabra p. 1995, punt 21), tal-4 ta' Frar 1992, Smithdon (C-243/90, Ġabra p. I-467, punt 12), u tas-16 ta' Lulju 1992, Jackson u Cresswell (C-63/91 u C-64/91, Ġabra p. I-4737, punt 15).

20 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 1996, Atkins (C-228/94, Ġabra p. I-3633). Ara Egger, J., *Das Arbeits- und Sozialrecht der EU und die österreichische Rechtsordnung*, it-Tieni Edizzjoni, 2005, p. 3223.

21 — Ara paġna 16 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

22 — Ara paġna 18 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Awstrijak.

fil-fatt, li teżisti differenza essenzjali bejn il-pensjoni ta' xjuħija nnifisha u l-aġġustamenti ulterjuri, peress illi l-aġġustament huwa, fl-aħħar mill-aħħar, sempliċiment kalkolu ġdid tal-ammont inizjali. Kif bir-raġun indikat il-Kummissjoni [23], iż-żieda fil-pensjoni hija biss, bħala miżura legali ta' garanzija tal-valur ta' din tal-aħħar, mod ta' kif tiġi kkalkolata l-pensjoni għal sena partikolari.

58. L-uniku argument li wieħed jista' jinvoka insostenn ta' din it-teżi, huwa illi l-ammont tal-pensjoni fix-xahar inizjalment mogħti huwa użat bħala l-bażi għall-kalkolu tal-aġġustament, espress f'perċentwali. Wieħed ma jridx jinsa illi l-funzjoni oriġinali tal-pensjoni ta' xjuħija hija li tipproteġi kontra r-riskji ta' xjuħija u li l-aġġustament bl-ebda mod ma jaffetwa din il-funzjoni. Kuntrarjament għal dak li tippreżumi l-Irlanda [24], l-adattament ulterjuri tal-ammont tal-pensjoni bl-ebda mod ma jbiddel n-natura legali tad-dritt tal-persuna intitolata għaliha. Is-sistema tal-indiċjar tal-pensjonijiet tikkostitwixxi għalhekk rabta diretta u reali mal-protezzjoni kontra wieħed mir-riskji elenkati fl-Artikolu 3(1). Il-paragun li tagħmel l-Irlanda mas-sistema tar-riżorsi supplimentari (Income Support) fis-seħħ fir-Renju Unit li l-Qorti tal-Ġustizzja għarblet sewwa fil-kawżi Jackson u Cresswell [25] ma huwiex f'loku peress illi dawn ir-riżorsi supplimentari kienu benefiċċju li kellu, b'mod manifest, in-natura ta' għajnuna soċjali favur l-assigurati bi dħul żgħir. Kien ġie pattwit f'ċerti sitwazzjonijiet personali ddeterminati, favur dawk li l-mezzi tagħhom ma kinux biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-ħtiġijiet tagħhom, fis-sens tal-liġi nazzjonali. Huwa loġiku illi l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat illi l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 79/7 ma kienx japplika għal dawn il-benefiċċji [26]. Is-sitwazzjoni fil-kawża preżenti hija totalment differenti. L-aġġustament tal-pensjoni inkwistjoni f'din il-kawża, għandu l-funzjoni, kif jindika l-isem stess, li jemenda *a posteriori* l-ammont inizjali tal-pensjoni abbażi tal-iżvilupp tal-prezzijiet tal-konsum.

59. L-adattament tal-ammont tal-pensjoni għandu wkoll ikun intiż għalhekk bħala "kalkolu tal-benefiċċju" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva, l-istess bħad-determinazzjoni inizjali tal-ammont tagħha. Jekk jiġi pretiż il-kuntrarju, ikun ifisser, fl-aħħar mill-aħħar, illi d-direttiva fiha lakuna jew li tiġi attribwita lil-leġiżlatur tal-Unjoni l-intenzjoni li jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fil-kuntest tal-ewwel kalkolu tal-ammont tal-pensjoni, iżda mhux fil-każ tal-aġġustamenti annwali ulterjuri. Huwa biżżejjed, biex wieħed jikkonvinċi ruħu mill-inutilità ta' din il-konklużjoni, li jaqra l-ewwel raġuni tal-preambolu tad-direttiva, li jistabbilixxi

23 — Ara l-punt 18 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

24 — Ara l-punti 37 *et seq* tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Irlanda.

25 — Is-sentenza Jackson u Cresswell (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19).

26 — *Ibidem* (punt 22).

bħala l-għan ta' din tal-aħħar li tiżgura l-implementazzjoni progressiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali fil-qasam tas-sigurtà soċjali. L-argument tal-Irlanda għalhekk ma għandux jintlaqa'.

60. Fid-dawl ta' dak espost iktar 'il fuq, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7 għandu jiġi interpretat fis-sens illi s-sistema għall-aġġustament annwali tal-pensjonijiet, (indiċjar) stabbilita fil-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-irtitrar hija wkoll suġġetta għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni.

għat-twettiq tagħhom [27]. Din is-setgħa diskrezzjonali mhix madankollu mingħajr limitu, peress illi d-dritt tal-Unjoni stabbilixxa limiti stretti għall-azzjoni leġiżlattiva tal-Istati Membri. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7 jikkostitwixxi wieħed minn dan il-limiti [28]. Din id-dispożizzjoni tad-direttiva tipprojbixxi fil-fatt, kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq is-sess f'każijiet ipotetiċi differenti relatati mal-għoti ta' benefiċċji soċjali. Wara li ġie kkonstatat, iktar 'il fuq, illi l-aġġustament tal-pensjonijiet kontenzjużi għandu jitqies bħala "kalkolu tal-benefiċċji" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, issa jrid jiġi eżaminat jekk fil-kawża preżenti hemmx każ ta' diskriminazzjoni.

2. Regola redatta f'termini newtrali

C — *Fuq it-tieni domanda preliminari*

1. Ġeneralitajiet

61. Kif il-partijiet kollha fil-proċedura preliminari spjegaw sew, l-Istati Membri jiddisponu minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa fil-qasam tal-politika soċjali, jiġifieri huma jistgħu jiddeterminaw in-natura tal-miżuri għall-protezzjoni soċjali u l-modi kkonċernati

62. Kif diġà tajt x'nifhem, għandha qabelxejn tiġi eskluża, mill-kawża preżenti, l-eżistenza tad-diskriminazzjoni diretta, peress illi ż-żieda fil-pensjoni hija mogħtija lil benefiċċjarji kollha mingħajr l-iċken differenza abbażi tas-sess. Barra minn hekk,

27 — Ara s-sentenzi tat-8 ta' Frar 1996, Laperre (C-8/94, Ġabra p. I-273, punt 18), tal-14 ta' Diċembru 1995, Nolte (C-317/93, Ġabra p. I-4625, punt 33), tad-19 ta' Novembru 1992, Molenbroek (C-226/91, Ġabra p. I-5943, punt 15), u tas-7 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni *vs* Il-Belġju (C-229/89, Ġabra p. I-2205, punt 19).

28 — Ara s-sentenzi tad-9 ta' Frar 1999, Seymour-Smith u Perez (C-167/97, Ġabra p. I-623, punti 74 u 75), Kutz-Bauer (iċċitata iktar 'il fuq fil-punt 10, punti 55 sa 57), tal-11 ta' Settembru 2003, Steinicke (C-77/02, Ġabra p. I-9027, punt 63), u tat-18 ta' Jannar 2007, Confédération générale du travail *et* (C-385/05, Ġabra p. I-611, punti 28 u 29).

l-ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura ma hija qed tikkontesta din il-konklużjoni.

63. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni li abbażi tagħhom din il-leġiżlazzjoni ġiet adottata ma jidhrux li għandhom l-intenzjoni manifesta li jiżvantaġġjaw kategorija ta' persuni ta' sess partikolari. Is-sistema tal-aġġustament annwali tal-pensjonijiet 2008 hija iktar ibbażata fuq il-qsim tal-persuni li huma intitolati għall-pensjoni kategoriji differenti li jiddistingwu ruħhom waħda mill-oħra skont l-ammont tal-pensjonijiet u li, abbażi ta' dan tal-aħħar, huma suġġetti għal adattamenti li huma xi ftit jew wisq kunsiderevoli, kemm jekk f'termini ta' perċentwali jew b'mod fiss. Mis-sentenza tal-Verfassungsgerichtshof Awstrijak, mogħtija fl-24 ta' Settembru 2009, fir-rigward tal-kostituzzjonalità tal-aġġustament tal-pensjonijiet tal-2008 u li għaliha jirreferi il-Gvern Awstrijak fl-osservazzjonijiet tiegħu, jirriżulta li din il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq il-prinċipju tal-"iskaluna soċjali" u li toriġina minn ftehim bejn il-Gvern Awstrijak u l-Österreichicher Seniorenrat, li huwa grupp li jirrappreżenta l-interessi tal-pensjonanti f'dan l-Istat Membru. Billi tirreferi għall-oriġini ta' din ir-riforma u għall-kunsiderazzjonijiet li ispirawha, il-Gvern Awstrijak ma huwa qed jagħmel xejn, wara kollox, ħlief jipprevalixxi ruħu mis-setgħa diskrezzjonali tiegħu fil-qasam tal-adattament tal-pensjonijiet. Fi kwalunkwe każ, wieħed jista' jiddeduċi, fl-aħħar mill-aħħar, illi d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni li fuqhom hija msejsa din il-leġiżlazzjoni huma "redatti f'termini newtrali" [29] fis-sens tal-ġurisprudenza, b'mod illi l-ewwel kundizzjoni li tippermetti li jiġi konkluż favur l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta, hija wkoll fundamentalment sodisfatta.

64. Iżda għandna diskriminazzjoni indiretta quddiemna, jew le? Skont il-ġurisprudenza, dispożizzjoni jkun fiha diskriminazzjoni indiretta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 79/7 meta, għalkemm redatta b'mod newtrali, tkun tiżvantaġġja, fil-fatt perċentwali ħafna ogħla ta' nisa milli ta' irġiel, sakemm din il-miżura ma tkunx iġġustifikata minn fatturi oġġettivi u estranji għal kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess [30]. Dan ikun il-każ jekk il-mezzi magħżula jikkorrispondu għal għan leġittimu tal-politika soċjali tal-Istat Membru, kemm-il darba jkunu idoneji biex jilħqu l-għan fil-mira

29 — Skont Egger, J., *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 20), p. 323, kriterji bħalma huma "ix-xogħol part-time" jew "attività negliġibbli" jistgħu jiġu użati bħala kriterji newtrali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Ara wkoll, fl-istess sens, Galantino, L., *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 14), p. 194. Skont Prechal, S., *Combatting indirect discrimination in community law context, Legal issues of european integration*, 1993/1, Amsterdam, p. 84 *et seq*, kriterji oħra li jistgħu wkoll jiġu użati bħala kriterji newtrali li jistgħu jaħbu diskriminazzjoni indiretta, bħal, pereżempju, il-"limiti tal-età" (għar-raġuni illi minn ċerta età n-nisa jiehdu ħsieb l-edukazzjoni tat-tfal), ix-"xogħol part-time" (għaliex ix-xogħol tad-dar jimpedixxi lin-nisa milli jkollhom xogħol full-time), ir-"rekwiżiti fil-qasam tal-formazzjoni" (għaliex in-nisa ġeneralment jibbenefikaw anqas minn formazzjoni superjuri), il-"kostituzzjoni fiżika", il-"mobilità ġeorgrafika", eċċ..

30 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Jørgensen (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 29), tas-26 ta' Settembru 2000, Kachelmann (C-322/98, Ġabra p. I-7505, punt 23), tad-9 ta' Settembru 2003, Rinke (C-25/02, Ġabra p. I-8349, punt 33), Schönheit u Becker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 67), u tat-12 ta' Ottubru 2004, Wippel (C-313/02, Ġabra p. I-9483, punt 43).

ta' din tal-aħħar u jekk ikunu meħtieġa għal dan il-għan [31].

65. Skont din id-definizzzjoni, il-problemi li din tqajjem iridu jiġu riżolti fl-ordni segwenti: l-ewwel nett irid jiġi ddeterminat jekk il-miżura inkwistjoni twassalx għal nuqqas ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa u, jekk dan ikun il-każ, irid jiġi eżaminat jekk dan jistax jiġi ġġustifikat [32].

3. Nuqqas ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa

66. Skont il-kriterji li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta, żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja, irid l-ewwel nett jiġi eżaminat jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tipproduċix, fir-rigward tal-persuni li huma intitolati għall-pensjoni u li huma tas-sess femminil, "effetti iktar żvantaġġjużi" [33] minn dawk li tipproduċi għall-persuni intitolati għall-pensjoni u li huma tas-sess maskil, mingħajr ma wieħed jinsa illi, għall-Qorti tal-Ġustizzja, mhux kull nuqqas ta' trattament ugwali, huwa, fih innifsu, suffiċjenti biex jaqa' taħt il-projbizzjoni. Jekk wieħed janalizzah iktar mill-qrib, il-ġurisprudenza illi l-Qorti tal-Ġustizzja tat sa llum, teżiġi, barra minn hekk, illi din teċċedi ċertu limitu ta' gravità [34], li huwa l-każ meta "numru ħafna iktar għoli" [35] jew "perċentwali ħafna iktar għoli" [36] ta' persuni ta' sess partikolari huma żvantaġġjati meta mqabbla ma' dawk tas-sess l-ieħor.

67. Biex jiġi ddeterminat jekk "perċentwali kunsiderevolment ogħla" [37] ta' benefiċċjarji femminili milli benefiċċjari maskili humiex żvantaġġjati mil-leġiżlazzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza fil-każ preżenti, wieħed irid jibbaża ruħu fuq evalwazzjoni tal-punti ta' fatt, li huma fl-ewwel lok, il-kompitu tal-qorti nazzjonali li tiskopri, peress illi hija biss tinsab viċin u għandha l-għarfien indispensabbli taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża. Fl-interpretazzjoni tagħha tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tibbaża ruħha biss fuq l-espożizzjoni tal-fatti

31 — Ara s-sentenzi Roks (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punti 33 u 34), Nolte (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 28) u Laperre (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 14). Thüsing, G., *Europäisches Arbeitsrecht*, p. 69, punt 5, jindika illi l-kunċett tad-diskriminazzjoni indiretta, diskriminazzjoni illi tirriżulta meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika li jidhru newtrali jkunu jistgħu jwasslu għal żvantaġġ partikolari għal persuni b'karatteristika partikolari, meta dawn jitqabblu ma' persuni oħra, f'każ fejn id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma humiex oġġettivament ġustifikati abbażi ta' għan leġittimu u fejn il-mezzi għat-twettiq ta' dan l-għan ma humiex idoneji u meħtieġa (ara d-definizzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 2(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78 tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol), l-ewwel ma ġie rregolat kien fir-rigward tal-libertà li jiġu ppurvduti s-servizzi, qabel ma ġie traspost għad-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq is-sess permezz tal-ġurisprudenza Jenkins (sentenza tal-31 ta' Marzu 1981, 96/80, Ġabra p. 911).

32 — Dan il-metodu jikkoinċidi prinċipalment ma' dak irrakkomandat minn Haverkate, G./Huster, S., *op.cit* (nota ta' qiegħ il-paġna 16), punt 701, p. 399.

33 — Ara s-sentenzi Seymour-Smith u Perez (iċċitati iktar'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 52) kif ukoll Schönheit u Becker (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 69).

34 — Ara, f'dan is-sens, Steiner, J., *The principle of equal treatment for men and women in social security, Sex equality law in the European Union*, p. 123, nota 69, li turi illi l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeterminatx il-limitu, li meta jintlaħaq, l-effetti tal-leġiżlazzjoni jkunu jistgħu jitqiesu bħala sproporzjonati, għalkemm jidher illi d-differenza kunsiderevoli fil-perċentwali rispettivi hija indispensabbli għal dan il-għan.

35 — Ara s-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1998, Boyle *et* (C-401/96, Ġabra p. I-6401, punt 76), tal-21 ta' Ottubru 1999, Lewen (C-333/97, Ġabra p. I-7243, punt 34), u tas-16 ta' Lulju 2009, Gómez-Limón (C-537/07, Ġabra p. I-6525, punt 54).

36 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30.

37 — Ara s-sentenza Schönheit u Becker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 71).

li jirriżultaw mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati lilha [38].

68. Sunt tal-fatti prinċipali diġà ġie pprovdut fit-tieni domanda preliminari. Il-qorti tar-rinviju tispjega, b'mod addizjonali fid-deċiżjoni tagħha, illi, fil-fehma tagħha, l-aġġustament tal-pensjonijiet tal-2008 fih nuqqas ta' trattament ugwali tal-pensjonanti kkonċernati, sa fejn il-pensjonijiet li huma inferjuri għal-limitu tal-ammont standard (EUR 747) ma jibbenefikawx ħlief minn żieda ta' EUR 1.7°%, filwaqt illi l-pensjonijiet bejn EUR 747 u 2 160 huma s-suġġett ta' żieda iktar kunsiderevoli. Skont l-istatistika prodotta fil-proċedura prinċipali, 1 325 162 persuna li jaqgħu fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-ASVG (li minnhom 614 293 huma irġiel u 711 469 huma nisa) irċevew pensjoni abbażi tal-attività professjonali tagħhom (pensjoni ta' rtirar). Fi ħdan dan il-grupp, 562 463 persuna, li minnhom 408 910 huma nisa u 153 553 huma rġiel, irċevew pensjoni ugwali jew anqas minn EUR 750 fix-xahar (li hija l-pensjoni minima). Jirriżulta li fil-grupp tal-persuni li huma intitolati għall-pensjoni u li huma tas-sess femminil, il-porzjon ta' persuni li jirċievu pensjoni ta' EUR 750 jew inqas, jammonta għal 57 %, filwaqt illi l-parti tal-persuni li huma intitolati għall-pensjoni minima (EUR 750 jew inqas fix-xahar) fil-grupp ta' persuni li huma intitolati għall-pensjonijiet u li huma tas-sess maskil, tammonta għal 25 %. Il-perċentwali tan-nisa żvantaġġjati mill-aġġustament tal-pensjonijiet li sar fl-2008 huwa għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, 2.3 darba ogħla mill-perċentwali tal-irġiel [39].

69. Mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju jidher illi peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha, sal-ġurnata ta' llum, ma stabbilixxietx limitu li malli jintlaħaq tirriżulta l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta, kien il-kompitu tagħha li tistaqsiha dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq issess, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, minħabba n-numru kunsiderevolment ogħla ta' rtirati nisa tas-sess femminil li huma żvantaġġjati mill-miżura inkwistjoni. Wieħed ma jistax ma jagħtihx raġun u jiddikjara illi sal-ġurnata ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja rrinunċjat milli tistabbilixxi limitu obbligatorju jew ċertu perċentwali ta' differenza li malli jintlaħaq jikkonkorru l-elementi li jikkostitwixxu nuqqas ta' trattament ugwali [40]. Ma tista' tiġi dedotta l-ebda konklużjoni preċiża mill-eżami tal-ġurisprudenza li tat il-Qorti tal-Ġustizzja sal-ġurnata ta' llum, fir-rigward tad-Direttiva 79/7. Min-naħa l-oħra, hija

38 — Ara s-sentenzi Schönheit u Becker (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 71), Molenbroek (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 12), Jackson u Cresswell (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 3) u tal-11 ta' Ġunju 1987, Teuling (30/85, Ġabra p. 2497, punt 14).

39 — Ara paġna 10 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

40 — Prechal, S., *op.cit.* (nota 29), p. 85 *et seq*, jikkondividi din l-opinjoni. Hija tqis illi dan huwa iktar komprensibbli tant illi, f'ċerti talbiet preliminari indirizzati lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qrati tar-rinviju kienu, pereżempju, diġà ddikjaraw illi "prinċipalment in-nisa" kienu ser jiġu affetwati minn miżura partikolari jew kienu abbozzaw id-domandi preliminari b'mod illi kienu qed jippreżumu l-eżistenza ta' nuqqas ta' trattament ugwali. Hija tindika, barra minn hekk, illi b'mod konformi mad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, huwa l-kompitu ta' dawn tal-aħħar li jevalwaw il-fatti tal-kawża li jkollhom quddiemhom. Madankollu dan ma jimpedixxix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilhom elementi li huma utli dwar *il-mod* ta' kif għandhom jiġu evalwati dawn il-fatti.

kkwotat perċentwali konkreti ta' persuni żvantaġġjati ta' sess partikolari, fis-sentenzi illi hija tat fir-rigward tal-Artikolu 141 KE, li kienu jikkonċernaw leġiżlazzjonijiet żvantaġġjużi għall-ħaddiema li jaħdmu part-time. Hekk kienet iddikjarat, pereżempju, fil-kawża Hill u Stapleton [41], fejn 99.2 % tal-"Clerical Assistants" li kienu jeżerċitaw l-attività tagħhom fuq bażi part-time kienu nisa, kif kienu, barra minn hekk, 98 % ta' dawk li kienu impjegati maċ-ċivil fil-kuntest ta' kuntratti part-time. Fil-kawża Schröder [42], in-numru ta' ħaddiema part-time tas-sess femminil kien jammonta għal 95 %, filwaqt li, fil-kawża Voβ [43], 88 % tal-għalliema part-time fis-servizz tal-Land ta' Berlin kienu nisa. L-istess jista' jingħad għall-kawża Schönheit u Becker [44], fejn 87.9 % tal-aġenti fl-amministrazzjoni tal-Land ta' Hessen li kienu jaħdmu part-time kienu nisa.

70. Ċertament illi l-eżempji ma humiex għal kollox irrilevanti għall-interpretazzjoni tad-Direttiva 79/7. Kif il-Gvern Olandiż stqar bla tlaqliq, dawn ma jistgħux, madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, jipprovdu indikazzjoni deċiżiva dwar il-perċentwali, li jagħti lok, malli dan jintlaħaq, għall-konklużjoni dwar l-eżistenza ta' nuqqas ta' trattament ugwali, li huwa rilevanti fis-sens tal-ġurisprudenza. Jekk wieħed jipproċedi b'dan il-mod, ma tkunx qed issir ġustizzja mal-kumplessità ta' dan l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni, peress illi l-punti rilevanti ta' liġi kif ukoll ta' fatt jistgħu jvarjaw ħafna bejn każ u ieħor. B'mod ġenerali, mhux possibbli li jiġi indikat perċentwali preċiż peress illi ċ-ċifri assoluti u l-intensità tal-effetti inkriminati jistgħu jintervjenu fl-evalwazzjoni [45]. Għalhekk jidhirli li huwa indispensabbli, li f'kull każ konkret, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi għal evalwazzjoni individwali, kif dejjem għamlet sa llum fit-twettiq tal-kompetenza interpretattiva tagħha.

71. Il-Gvern Awstrijak huwa tal-fehma [46] li wieħed għandu jibbaża ruħu fuq il-perċentwali taż-żewġ sessi affetwati mill-miżura, iżda din is-sottomossjoni mhux daqshekk kredibbli. Huwa jwissi kontra t-telf tal-awtonomija nazzjonali fit-tmexxija tal-politika soċjali, iżda jinsa, fl-ewwel lok, illi meta qed jibbaża ruħu fuq dan l-element, il-kwistjoni hija biss waħda li jiġi stabbilit jekk wieħed għandux quddiemu nuqqas ta' trattament ugwali bejn is-sessi, kwistjoni din li loġikament trid tiġi ttrattata preliminarjament u li r-risposta tagħha tibqa' ma tipprovvdi l-ebda element deċisiv dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni pprojbita. Kif jirriżuilta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li diġà kkwotajt, ma hemmx diskriminazzjoni pprojbita ħlief meta l-miżura inkwistjoni ma tkunx ġġustifikata abbażi ta' fatturi oġġettivi estranji għal kwalunkwe diskriminazzjoni

41 — Sentenza tas-17 ta' Ġunju 1998, Fill u Stapleton (C-243/95, Ġabra p. I-3739).

42 — Sentenza tal-10 ta' Frar 2000, Schröder (C-50/96, Ġabra p. I-743).

43 — Sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Voβ (C-300/06, Ġabra p. I-19573).

44 — Is-sentenza Schönheit u Becker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 35).

45 — Ara, f'dan is-sens, Haverkate, G./Huster, S., *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 16), punt 706, p. 400.

46 — Ara l-punt 22 tal-osservazzjonijiet bil-miktub.

bbażata fuq is-sess [47]. Fit-tieni lok, huwa jinsa illi l-kompetenzi regolatorji illi kemm it-trattati kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirrikonoxxu lill-Istati Membri fil-qasam tal-politika soċjali għandhom il-limiti tagħhom, kif diġà spjegajt, partikolarment minħabba l-prinċipju ta' trattament ugwali. Huwa bir-raġun għalhekk, illi l-Qorti tal-Ġustizzja dejjem enfasizzat illi l-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi ma jistax ikollu l-effet li jxejjen mis-sustanza tiegħu prinċipju hekk essenzjali tad-dritt tal-Unjoni [48].

72. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni kruċjali li jiġi stabbilit jekk l-effetti tal-miżura inkwistjoni jeċċedux il-limitu kritiku tad-diskriminazzjoni illeċita, inqis illi t-tweġiba għandha tkun fl-affermattiv, għaliex il-proporzjon ta' persuni intitolati għal pensjoni minima tas-sess femminil, li kisbu żieda ta' 1.7 % biss (meta mqabbel mal-pensjonijiet li l-ammont tagħhom huwa inkluż bejn EUR 747 u EUR 2 160) jammonta għal iktar mid-doppju minn dak tal-persuni intitolati għal pensjonijiet minimi tas-sess maskil. Fost l-irtirati tal-pensjonijiet li għalihom l-Istat Awstrijak joffri biss sostenn minimu (jekk wieħed ma jieħux inkunsiderazzjoni is-suppliment kumpensatorju), in-nisa huma għalhekk soprarappreżentanza, fatt li diġà jippermetti li jiġi konkluż li hemm nuqqas ta' trattament ugwali. Is-suspett tal-qorti tar-rinviju f'dan is-sens jidhirli għalhekk illi huwa fondat.

73. Din il-konklużjoni hija preċiża jekk wieħed iqis biss l-effetti taż-żieda tal-pensjonijiet, mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni l-effetti potenzjalment vantaġġjużi tas-suppliment kumpensatorju, li jirriferi għalih bosta drabi l-Gvern Awstrijak fl-osservazzjonijiet tiegħu. Mill-ġurisprudenza mogħtija sa llum f'dan ir-rigward [49], il-Qorti tal-Ġustizzja tidher illi għandha tendenza, meta tanalizza l-effetti ta' miżura partikolari tal-politika soċjali, li ma tqisx ukoll l-effeti l-oħra vantaġġjużi tas-sistema ta' assigurazzjoni li jagħmlu

47 — Ara, f'dan is-sens, Bieback, K-J., *Die mittelbare Diskriminierung wegen des Geschlechts*, *op.cit.* (nota 13), p. 102, li josserva illi wieħed ma jistax jikkonkludi li jeżisti ksur tal-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni, jekk mhux wara li jkun fittex, mingħajr eżitu, ġustifikazzjoni oġġettiva. Għalhekk wieħed ikun diġà żbaljat li jitkellem dwar diskriminazzjoni, minħabba s-sempliċi fatt illi ġew iddikjarati effetti negattivi differenti. Il-kriterju tan-nuqqas ta' ġustifikazzjoni jagħmel parti mill-elementi kostituttivi tal-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni.

48 — Ara l-ġurisprudneza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28.

49 — Ara s-sentenza tas-17 ta' Mejju 1990, Barber (C-262/88, Ġabra p. I-1889, punt 34), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tippronunċja ruħha dwar il-mod ta' kif il-qrati nazzjonali għandhom jipproċedu fl-eżami tagħhom tal-kwistjoni biex jiġi stabbilit jekk il-prinċipju tal-ugwaljanza fir-remunerazzjoni, stabbilit fl-Artikolu 141 KE ġiex osservat f'każ konkret. Skont hija, l-impożizzjoni fuq il-qrati nazzjonali, biex jevalwaw u jipparagunaw r-remunerazzjonijiet kollha differenti imħallsa f'każ konkret lill-ħaddiema tas-sess maskil u lill-ħaddiema tas-sess femminil, tikkumplika l-kontroll ġudizzjarju u tnaqqas mill-effikaċja prattika tal-Artikolu 141 KE. Hija tqis illi t-trasparenza awtentika li tippermetti l-kontroll effikaċi, hija biss iggarantita jekk il-prinċipju ta' trattament ugwali japplika *għal kull element partikolari* tar-remunerazzjoni imħallsa lill-ħaddiema tas-sess maskil jew tas-sess femminil.

tajjeb għall-iżvantaġġi [50]. Hija tidher, għall-kuntrarju, illi tillimita ruħha għall-miżura konkreta u iżolata inkwistjoni. Bħala regola, dan l-approċċ ma jippermettix għalhekk li wieħed iqis, fil-kuntest tal-kontroll ta' sitwazzjoni ta' nuqqas ta' trattament ugwali, l-effetti tas-suppliment kumpensatorju, mogħti fuq ż-żieda tal-pensjoni. Il-fatt illi d-dritt fiskali nazzjonali ma jintaxxax id-dħul tal-pensjonanti ħlief meta dan jeċċedi l-limitu ta' EUR 1 000, li, kif sostna l-Gvern Awstrijak waqt is-seduta, ipoġġi lill-persuni intitolati għal pensjonijiet minimi, f'pożizzjoni finanzjarja iktar vantaġġjuża mill-persuni intitolati għal pensjonijiet iktar ġeneruż, għandu, *a fortiori* jitħalla barra milli jiġi kkunsidrat.

74. Wieħed irid jara jekk hemmx il-ħtieġa li jibbaża ruħu fuq din il-premessa, meta finalment, mhux determinanti għall-evalwazzjoni tal-każ preżenti li jiġi stabbilit liema approċċ qed jiġi applikat peress illi kemm wieħed kif ukoll l-oħra, essenzjalment iwasslu għall-istess riżultat. Dan sejjer, barra minn hekk, jiġi ppruvat, bl-inklużjoni, sussidjarjament, tal-effetti tal-benefiċċji supplimentari fl-analiżi tiegħi. Fil-fatt, jekk wieħed jinvoka wkoll l-istatistika pprovduta mill-qorti tar-rinviju, li turi n-numru ta' persuni, fil-kategorija ta' persuni intitolati għall-pensjoni minima, li ma għandhomx id-dritt għas-suppliment kumpensatorju (partikolarment għaliex id-dħul tar-raġel jew tal-mara tagħhom, meta l-konjuġi jgħixu flimkien, huwa meħud inkunsiderazzjoni) u li għalhekk ma jistgħux jibbenefikaw miż-żieda tal-ammont standard ta' dan is-suppliment, fil-kuntest tal-aġġustament tal-pensjonijiet tal-2008, wieħed jikseb, bħala riżultat, illi l-parti ta' persuni intitolati għall-pensjoni minima, tas-sess femminil, tiddomina b'mod ċar [51], kif wara kollox jindika espressament l-Imħallef tar-rinviju fid-deċiżjoni tiegħu [52].

75. Għalhekk, jekk wieħed japplika ż-żewġ kriterji (jiġifieri li l-persuna interessata tibbenefika minn pensjoni minima, iżda ma għandhiex dritt għas-suppliment kumpensatorju), jasal biex jikkonstata illi l-maġġoranza kbira tal-benefiċċjarji li fir-rigward tagħhom jikkonkorru dawn iż-żewġ żvantaġġi, huma nisa, li jwassal għall-konklużjoni illi l-għoti tas-suppliment kumpensatorju la jirrimedja t-trattament żvantaġġjuż tan-nisa meta mqabbel ma' dak tal-persuni intitolati għal-pensjonijiet ogħla, u lanqas in-nuqqas ta' trattament ugwali li tiegħu huma vittmi meta mqabbla mal-persuni intitolati għall-pensjonijiet minimi tas-sess maskil. Sa fejn, kif esponiet il-qorti tar-rinviju, hemm lok li jiġi ddikjarat trattament żvantaġġjuż fiż-żieda, li meta wieħed jipparagunaha, hija iktar baxxa għall-pensjonijiet minimi, meta mqabbla mal-pensjonijiet li l-ammont tagħhom huwa inkluż bejn l-EUR 747 u l-EUR 2 160, irid jingħad ukoll illi hemm nuqqas ta' trattament ugwali bejn is-sessi, abbażi tar-rappreżentanza ikbar ta' nisa, fi ħdan il-grupp ta' persuni li huma intitolati għal pensjoni.

50 — Haverkate, G./Huster, S., *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 16), punt 703, p. 400, ukoll jidhru illi jibbażaw irwieħhom fuq din l-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza. Huma jinterpretawha fis-sens illi l-Qorti tal-Ġustizzja, sal-ġurnata ta' llum, iddeċidiet illi żvantaġġ ma jistax jiġi kkumpensat permezz ta' effetti oħra vantaġġjuži fis-sistema tal-assigurazzjoni.

51 — Skont l-istatistika prodotta mill-qorti tar-rinviju, 47 % tal-persuni femminili intitolati għall-pensjoni (336 305 minn 711 469) u 14 % tal-persuni maskili intitolati għall-pensjoni (89 387 minn 614 293) kienu kkonċernati.

52 — Ara l-paġna 15 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

4. Riżultat intermedjarju

D — *Fuq ir-raba' domanda preliminari*

76. Jista' jingħad, b'mod provviżorju, illi l-persuni taż-żewġ sessi huma ttrattati b'mod differenti, iżda biex ikun hemm diskriminazzjoni indiretta, dan in-nuqqas ta' trattament ugwali jrid ikun tali li ma jistax jiġi ġġustifikat b'mod oġġettiv. Iżda jekk wieħed jista' jippreżumi, kif tagħmel il-qorti tar-rinviju, illi mhux kull raġuni oġġettiva tiġġustifika tali nuqqas ta' trattament ugwali fis-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali, kif tissuġerixxi t-tieni domanda preliminari, irid ukoll jiġi ddikjarat, għall-koerenza, illi l-leġiżlazzjoni inkwistjoni li hija s-sors ta' dan in-nuqqas ta' trattament ugwali, tiġbor fiha diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7, b'mod illi hija inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni.

1. Ġustifikazzjoni għal nuqqas ta' trattament ugwali

(a) L-eżistenza ta' motivi ta' ġustifikazzjoni

78. Huwa biss wara li tiġi analizzata t-tielet domanda preliminari, li tqajjem b'mod espliċitu din il-problema legali, li wieħed ikun jista' verament jiddetermina jekk jeżistix tabilħaqq raġuni oġġettiva ta' ġustifikazzjoni fil-kawża preżenti.

77. Jeħtieġ għalhekk illi r-risposta għat-tieni domanda preliminari tkun illi l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7 għandu jiġi interpretata fis-sens illi jipprojbixxi dispożizzjoni nazzjonali li taġġusta annwalmet il-pensjonijiet milli tistabbilixxi, għal grupp partikolari ta' persuni li huma intitolati għall-pensjoni minima, żieda li hija potenzjalment inferjuri għaż-żieda applikabbli għal persuni oħra li huma intitolati għall-pensjonijiet sa fejn din il-leġiżlazzjoni għandha effetti żvantaġġjuži fuq 25 % tal-benefiċċjarji tas-sess maskil, iżda fuq 57 % tal-benefiċċjarji tas-sess femminil, u dan fin-nuqqas totali ta' raġunijiet oġġettivi ta' ġustifikazzjoni.

79. Għalkemm huwa minnu illi l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, minn naħa, f'ġurisprudenza stabbilita, illi fl-aħħar mill-aħħar huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali, l-unika entità kompetenti biex tevalwa l-fatti u biex tinterpreta l-liġi nazzjonali, biex tiddetermina jekk u sa fejn dispożizzjoni leġiżlattiva li tapplika indipendentement mis-sess tal-ħaddiem, iżda li tolqot fil-fatt perċentwali kunsiderevolment ogħla ta' nisa milli ta' rġiel, hix ġustifikata abbażi ta' raġunijiet oġġettivi u estranji għall-kwalunkwe diskriminazzjoni fondata fuq

is-sess [53]. Madankollu hija spjegat, min-naħa l-oħra, illi hija msejħa biex tipprovdi risposti utli lill-qorti nazzjonali u li għalhekk hija hi kompetenti li tagħtiha indikazzjonijiet ibbażati fuq il-proċess tal-kawża prinċipali kif ukoll fuq l-osservazzjonijiet bil-miktub u orali sottomessi lilha meta dawn l-indikazzjonijiet ikunu ta' natura tali li jippermettu lil qorti nazzjonali tiddeċiedi, minkejja li huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar, fil-kuntest ta' rinviju preliminari, li tiddikjara l-eżistenza ta' fatturi oġġettivi bħal dawn, fil-każ konkret li jkollha quddiemha [54].

80. Huwa bħala regola l-kompitu tal-Istat Membru, awtur tal-miżura inkwistjoni jew tal-parti fil-kawża prinċipali li tinvokha, biex tistabbilixxi, quddiem il-qorti nazzjonali, l-eżistenza ta' raġunijiet oġġettivi u estranji għal kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, li jippermettu l-ġustifikazzjoni ta' din il-miżura [55]. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat fis-sentenza Schönheit u Becker [56], differenza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa tista' tiġi ġġustifikata, jekk ikun il-każ, permezz ta' raġunijiet oħra minbarra dawk invokati waqt l-adozzjoni tal-miżura li introduċietha. Fid-deċiżjoni tagħha tar-rinviju, il-qorti nazzjonali tikkwota sensiela ta' motivi ta' ġustifikazzjoni [57] illi l-Pensionsversicherungsansalt konvenuta invokat fil-kawża prinċipali. Billi ppreżentat osservazzjonijiet preċiżi dwar dawn il-motivi ta' ġustifikazzjoni fil-kwalità tiegħu bħala rappreżentant kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Awstrija, il-Gvern Awstrijak reġa' qajjem b'mod impliċitu, dan l-argument. Barra minn hekk, huwa ġġustifika n-nuqqas ta' trattament ugwali inkwistjoni billi invoka l-fatt li n-nisa jikkwalifikaw għall-benefiċċju tal-pensjoni f'età inqas avvanzata u li għalhekk jirċievu l-pensjoni għal perijodu itwal. Huwa bbaża ruħu wkoll fuq iż-żieda straordinarja fl-ammonti standard tas-suppliment kumpensatorju.

81. Il-motivi mressqa mill-Gvern Awstrijak iridu issa jiġu eżaminati biex jiġi ddeterminat jistgħux jitqiesu bħala fatturi oġġettivi li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' trattament ugwali, fis-sens tal-ġurisprudenza. Sussegwentement irid jiġi analizzat jekk dawn humiex ta' natura tali li jippermettu li jintlaħaq l-għan li tiġi sostnuta l-kapaċità ta' xiri tal-pensjonanti, li huwa l-għan imfittex mill-aġġustament tal-pensjonijiet, jekk humiex meħtieġa għat-twettiq ta' dan l-għan u jekk imorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex dan jintlaħaq. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżura partikolari ma tkunx idoneja biex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan invokat, kemm-il darba ma tweġibx verament għall-preokkupazzjoni li tilħaq l-imsemmi

53 — Ara s-sentenzi tat-13 ta' Lulju 1989, Rinner-Kühn (171/88, Ġabra p. 2743, punt 15), Seymour-Smith u Perez (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 67) u Schönheit u Becker (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 82).

54 — Ara s-sentenzi tas-7 ta' Marzu 1996, Freers u Speckmann (C-278/93, Ġabra p. I-1165, punt 24), Seymour-Smith u Perez (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 68), Kutzbauer (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 52) u Schönheit u Becker (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 83).

55 — Ara s-sentenzi Seymour-Smith u Perez (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 69), Kutz-bauer (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 62) u Schönheit u Becker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 87).

56 — Is-sentenza Schönheit u Becker (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 86).

57 — Kif bir-raġun jispjega Bieback, K.-J., *Die mittelbare Diskriminierung wegen des Geschlechts*, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 13), p. 98, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax, kuntrarjament għal qorti kostituzzjonali nazzjonali, teżamina l-motivi kollha potenzjali ta' ġustifikazzjoni, ħlief jekk dan ikun meħtieġ minħabb s-sitwazzjoni fil-proċedura, iżda għandha tillimita ruħha għall-motivi esposti mill-partijiet fil-proċedura.

għan b'mod koerenti u sistematiku [58]. Miżura hija meħtieġa meta fost il-miżuri kollha idoneji li kienu għad-dispożizzjoni tal-leġiżlatur, dan tal-aħħar ikun irrikorra għal dik li hija l-inqas vinkolanti għall-interess jew għall-ġid ġuridiku kkonċernat [59]. Ir-restrizzjoni tad-dritt għal trattament ugwali ma tkunx idoneja meta minkejja li tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan rikjest għall-interess ġenerali, il-miżura nazzjonali twassal għal dannu sproporzjonat għal dan id-dritt.

(b) L-eżami tal-motivi ta' ġustifikazzjoni

(i) In-nisa jibdew jibbenefikaw mill-pensjoni f'età inqas avvanzata

82. Biex il-miżura inkwistjoni tiġi ġġustifikata, il-konvenuta fil-kawża prinċipali spjegat illi n-numru medju ta' xhur ta' assigurazzjoni li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni huwa, b'mod sinjifikanti, inqas għoli fil-każ tan-nisa peress illi jibdew jirċievu l-benefiċċju tal-pensjoni f'età inqas avvanzata, b'mod illi pensjoni kkalkolata fuq il-prinċipju tal-assigurazzjoni, għandha jkollha ammont inqas għoli.

83. Id-deċiżjoni ta' Stat Membru li jistabbilixxi età għall-pensjoni li hija differenti għall-irġiel u għan-nisa hija, bħala regola, deċiżjoni sovrana li ma tiksirx id-Direttiva 79/7 għaliex l-Artikolu 7(1) tagħha jippermetti espressament lill-Istati Membri li jeskludu dan l-aspett tas-sistemi tal-pensjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva [60]. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni nnifisha, il-qorti tar-rinviju ġustament tagħti x'tifhem, illi skont il-prinċipji strutturali tas-sistemi tal-assigurazzjoni, iffinanzjati permezz tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurati, jista', bħala regola jkun oġġettivament iġġustifikat li wieħed jorbot l-ammont tal-benefiċċji mal-ammont u mal-perijodu li matulu jkunu ħallsu l-kontribuzzjonijiet. Peress illi, skont l-elementi esposti mill-qorti tar-rinviju, is-sistema Awstrijaka tal-assigurazzjoni obbligatorja tal-irtirar hija wkoll iffinanzjata permezz tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurati, jidher li huwa oġġettivament iġġustifikat illi n-nisa jiġu attribwiti pensjonijiet inqas għolja minn dawk tal-irġiel, peress illi huma jħallsu kontribuzzjonijiet inqas sinjifikattivi u jħallsuhom fuq perijodi ta' assigurazzjoni

58 — Sentenzi tal-11 ta' Marzu 2010, Attanasio Group (C-384/08, Ġabra p. I-2055, punt 51), u tas-17 ta' Novembru 2009, Presidente del Consiglio dei Ministri (C-169/08, Ġabra p. I-10821, punt 42).

59 — Sentenza tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder (265/87, Ġabra p. 2237, punt 21). Skont Prechal, S., *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 29), p. 89, huwa meħtieġ, fl-eżami tal-ġustifikazzjoni tad-diskriminazzjoni indiretta, li jiġi eżaminat jekk kinitx teżisti xi possibbiltà biex l-għan fil-mira jintlaħaq b'mod li ma kienx diskriminatorju jew li kien anqas.

60 — Ara, f'dan is-sens, Guggenbühl, A./Leclerc, S., *Droit social européen des travailleurs salariés et indépendants*, Brussell, 1995, p. 466.

inqas numerużi, għaliex jilħqu l-età tal-pensjoni iktar kmieni.

84. Il-ġurisdizzjoni tar-rinviju [61] u l-Kummissjoni [62] ġustament josservaw illi ma jarawx ir-rabta li tista' teżisti bejn, minn naħa, il-fatt illi l-pensjonijiet ta' xjuħija jkunu ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet u, min-naħa l-oħra, il-fatt illi l-persuni intitolati għall-pensjonijiet minimi jkunu żvantaġġjati f'każ ta' żieda straordinarja tal-pensjonijiet. Il-qorti tar-rinviju tispjega, fil-fatt, illi l-aġġustament annwali inkwistjoni tal-pensjonijiet mhux element tal-benefiċċji illi l-importanza tiegħu hija marbuta mal-ammont u mal-perijodu li matulu jkunu tħallsu l-kontribuzzjonijiet sa dakinhar. Kif spjegajt fil-bidu, l-aġġustament annwali għandu l-għan li jsostni l-kapaċità ta' xiri li jiżguraw il-pensjonijiet, billi jiġu aġġornati abbażi tal-evoluzzjoni tal-indiċi għall-prezzijiet tal-konsum. Madankollu wieħed ma jarax ir-raġuni għalfejn il-kapaċità ta' xiri tan-nisa li jirċievu pensjonijiet inqas għoljin għaliex jikkontribwixxu għal perijodu iqsar, ma għandhiex hija wkoll tkun protetta. Kif tindika l-qorti tar-rinviju, huma biss il-pensjonijiet li huma inqas mill-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju li ma bbenefikawx miż-żieda straordinarja. Jekk wieħed iqis, barra minn hekk, illi l-perijodu iqsar tan-nisa, li matulu jkunu tħallsu l-kontribuzzjonijiet, diġà qed jirrifletti fuq l-ammont tal-pensjonijiet tagħhom li huma inqas għoljin, ma għandux ikun hemm raġuni oġġettiva biex wieħed jipprofitta minn dan il-fatt u għal darba oħra jiżvantaġġja lin-nisa li huma intitolati għall-pensjonijiet minimi, billi ma jingħatalhomx il-benefiċċju taż-żieda straordinarju relatat ma' dawn tal-aħħar.

85. Il-fatt illi l-benefiċċjarji ta' sess femminil jikkontribwixxu għal perijodu iqsar għaliex jibdew jirċievu l-benefiċċju tal-pensjoni f'età inqas avvanzata mhux għalhekk ta' natura tali li jiġġustifika ż-żieda iktar baxxa tal-pensjonijiet minimi li hija stabbilita fil-kuntest tal-indiċjar u tat-trattament żvantaġġjuż tal-persuni intitolati għall-pensjonijiet minimi ta' sess femminil li minnu jirriżultaw.

ii) Il-benefiċċjarji tas-sess femminil jirċievu il-pensjonijiet tagħhom għal żmien itwal

86. Biex tiddefendi n-nuqqas ta' trattament ugwali, il-konvenuta fil-kawża prinċipali tinvoka wkoll il-fatt illi n-nisa jirċievu l-pensjonijiet tagħhom għal żmien itwal minħabba l-aspettativa itwal tal-ħajja tagħhom. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [63], biex miżura li tiżvantaġġja lil persuni ta' sess partikolari tkun tista' tiġi ġġustifikata, in-nuqqas ta' trattament ugwali jrid ikun imsejjes fuq motiv oġġettiv li huwa "estranju għal kwalunkwe diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess". Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-qorti tar-rinviju [64] u l-Kummissjoni [65],

61 — Ara paġna 16 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

62 — Ara l-punti 34 *et seq* tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

63 — Ara l-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30.

64 — Ara paġna 14 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

65 — Ara l-punt 41 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

dan il-motiv ta' ġustifikazzjoni, jekk għandu jiġi invokat, ma għandux jitqies bħala illeġittimu unikament minħabba r-raġuni illi n-nisa, fuq bażi medja, għandhom aspettativa itwal tal-ħajja mill-irġiel u għaliex din iċ-ċirkustanza għandha l-konsegwenza illi huma jistgħu eventwalment jiġu soprarappreżentati. Għalkemm huwa minnu illi dan l-aspett jista' jkollu ċertu importanza meta jrid jiġi ddeterminat jekk hemmx jew le nuqqas ta' trattament ugwali, dan madankollu ma jippreġudikax il-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni, li għandha tiġi eżeminata separatament. Huwa meħtieġ, f'dan ir-rigward, illi l-aspettativa tat-tul tal-ħajja nnifisha titqies bħala fattur oġġettiv fis-sens tal-ġurisprudenza.

87. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li fis-sentenzi Neath [66] u Colorool Pension Trustees [67] il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet effettivament konjizzjoni tal-fatt illi l-aspettativa tat-tul tal-ħajja differenti għall-irġiel u għan-nisa kienet tikkostitwixxi fattur attwarjali applikat għall-elaborazzjoni tal-pjan ta' finanzjament tas-sistemi għall-pensjonijiet inkwistjoni f'dawn il-kawżi, iżda madankollu ma ppronunċjatx ruħha dwar il-kompatibbiltà ta' dan il-fattur mal-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess stabbilita mid-dritt tal-Unjoni [68]. F'dawn iż-żewġ każijiet hija sempliċiment spjegat, permezz tal-*obiter dicta*, illi l-kontribuzzjonijiet li jħallsu l-ħaddiema biex jiffinanzjaw is-sistemi tal-pensjonijiet tal-kumpanniji u li jaqgħu fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 119(1) tat-Trattat KEE kellhom ikunu l-istess għall-ħaddiema kollha, maskili u femminili, għaliex huma komponent tar-remunerazzjoni [69]. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jippermettix li wieħed jasal għal konklużjonijiet li jiddeterminaw jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidietx fis-sens illi l-aspettativa tat-tul tal-ħajja ma kinitx fattur oġġettiv għall-kalkolu tal-pensjonijiet ta' xjuħija.

88. Ċertament illi mhux meħtieġ li wieħed jirrispondi għal din id-domanda biex tissolva l-proċedura preżenti, peress illi ma teżisti l-ebda rabta manifesta bejn, minn naħa, il-perijodu li matulu l-benefiċċjarju jirċievi l-pensjoni u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' applikazzjoni taż-żieda straordinarja, għall-kategorija ta' persuni intitolati għall-pensjoni minima, kif diġà juri l-fatt illi n-nisa jiffurmaw parti mill-kategorija ta' benefiċċjarji illi bbenefikaw minn żieda straordinarja fil-pensjonijiet tagħhom. Ma huwiex għaliex għandhom aspettatitva itwal ta' ħajja, minn dik tal-persuni intitolati għall-pensjonijiet minimi tas-sess femminil, li għandhom dritt għall-indiċjar straordinarju, iżda għaliex il-pensjonijiet tagħhom huma, l-ewwel u qabel kollox, iktar ġenerużi. Kif diġà spjegajt, wieħed ma jarax għalfejn ma għandhiex tinżamm ukoll il-kapaċità ta' xiri tal-pensjonijiet minimi. Għaldaqstant, il-fatt illi n-nisa jirċievu l-pensjoni tagħhom

66 — Sentenza tat-22 ta' Diċembru 1993, Neath (C-152/91, Ġabra p. I-6935, punt 24).

67 — Sentenza tat-28 ta' Settembru 1994, Coloroll Pension Trustees (C-200/91, Ġabra p. I-4389, punt 74).

68 — Ara l-punt 55 tal-konklużjonijiet illi l-Avukat Ġenerali Kokott ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2010 fil-kawża Association Belge des Consommateurs Tests-Achats *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14).

69 — Is-sentenzi Neath (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 66, punt 31, it-tieni sentenza) u Coloroll Pension Trustees (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 67, punt 80, it-tieni sentenza).

għal żmien itwal ma jistax jiġi invokat biex jiġġustifika nuqqas ta' trattament ugwali.

iii) Żieda straordinarja tal-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju

89. Qabel nikkonkludi, għad irid jiġi eżaminat jekk il-fatt illi l-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju kien is-suġġett ta' żieda proporzjonalment ogħla, jistax jiġġustifika żieda iżgħar għall-pensjonijiet minimi fil-kuntest tal-aġġustament tal-2008, kif ukoll l-impatt negattiv tiegħu li huwa iktar rilevanti għall-benefiċċjarji tas-sess femminil, għal dak li għandu x'jaqsam mal-indiċjar tal-pensjonijiet.

— L-eżistenza ta' għan leġittimu tal-politika soċjali

90. Il-ġustifikazzjoni ta' miżura għandha tiġi evalwata, b'mod partikolari, fid-dawl tal-koerenza tagħha mal-għan tal-leġiżlazzjoni li trid finalment tikkontribwixxi għat-twettiq tiegħu [70]. Qabel ma jiġi eżaminat dan il-motiv ta' ġustifikazzjoni, wieħed irid għalhekk, ifakkar fil-qosor, l-għanijiet illi l-leġiżlatur ried jilħaq permezz tal-miżuri inkwistjoni.

91. Il-Gvern Awstrijak spjega illi ddefinixxa l-għan taż-żieda tal-pensjonijiet abbażi tal-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-kapaċità ta' xiri tal-pensjonanti, li fih innifsu għandu jitqies bħala għan leġittimu tal-politika soċjali. Il-mekkaniżmu tas-suppliment kumpensatorju, illi, skont l-ispjegazzjonijiet tal-Gvern Awstrijak, għandu l-funzjoni li jgħin lill-pensjonanti li l-pensjoni tagħhom hija baxxa wisq, minħabba l-fatt, pereżempju, illi ma kkontribwixxewx għal żmien twil biżżejjed jew għaliex kellhom dħul modest matul il-ħajja professjonali tagħhom, għandu jiġi distint miż-żieda fil-pensjonijiet fil-veru sens tal-kelma [71]. Is-sistema tas-suppliment kumpensatorju hija ffinanzjata mill-baġit tal-Istat. Kien għal din ir-raġuni illi, fis-sentenza Skalka [72], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat illi s-suppliment kumpensatorju kellu n-natura ta' għajnuna soċjali u kellu jiġi kkwalifikat bħala benefiċċju speċjali ta' natura mhux kontributtiva fis-sens tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 1408/71. Sa fejn s-suppliment kumpensatorju huwa għajnuna soċjali, għaliex għandu l-għan li jiggarantixxi dħul minimu ta' għajxien meta l-ammont

70 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ġibdet l-attenzjoni dwar dan ir-rekwiżit ta' koerenza, l-aħħar darba fis-sentenza illi hija tat fil-kawża Association Belge des Consommateurs Test-Achats *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 21) fir-rigward tal-eżerċiżżju tal-poter regolatorju mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

71 — Ara l-punti 8 *et seq* tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Awstrijak.

72 — Sentenza tad-29 ta' April 2004, Skalka (C-160/02, Ġabra p. I-5613, punti 26 u 30).

tal-pensjoni ma jkunx biżejjed, huwa jsegwi wkoll għan tal-politika soċjali li għandu jitqies bħala leġittimu.

— Il-miżuri huma ta' natura li jiżguraw it-twettiq tal-għanijiet imfittxa?

Fuq il-konverġenza tal-effetti bejn iż-żieda fil-pensjoni u s-suppliment kumpensatorju

92. It-tielet domanda preliminari tikkonċerna l-ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' trattament ugwali fil-kuntest tal-effetti kkumbinati taż-żieda fil-pensjoni u l-benefiċċju supplimentari. Kif diġà semmejt iktar 'il fuq [73], il-Qorti tal-Ġustizzja, sa issa, dejjem irrifjutat, meta kienet qed teżamina l-effetti ta' miżura partikolari tal-politika soċjali, li tikkunsidra wkoll effetti pożittivi oħra tas-sistema ta' assigurazzjoni li kienu jagħmlu tajjeb għall-iżvantaġġi. Għalkemm iż-żieda fil-pensjoni u fis-suppliment kumpensatorju huma żewġ strumenti distinti tal-politika soċjali nazzjonali, li għandhom riperkussjonijiet differenti fuq il-pensjonijiet ta' xjuħija, teżisti, fi kwanunkwe każ, kif spjega l-Gvern Awstrijak b'mod konvinċenti [74], rabta

73 — Ara l-punt 73 ta' dawn il-konklużjonijiet.

74 — Ara l-punti 11 *et seq* tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Awstrijak. Ara barra minn hekk, paġna 34 tas-sentenza tal-Verfassungsgerichtshof Awstrijaka tal-24 ta' Settembru 2009, li stabbilixxiet illi "l-benefiċċju supplimentari, bħala parti integrali mis-sistema tal-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali, għandu, fi kwalunkwe każ, ukoll jittieħed inkunsiderazzjoni biex tiġi ddeterminata l-kostituzzjonalità tar-regoli ta' din is-sistema".

tal-effetti li trid tiġi kkunsidrata biex tiġi evalwata l-ġustifikazzjoni tagħhom, iktar u iktar meta t-tielet domanda tal-qorti tar-rinviju tikkonċerna preċiżament dan il-punt. Fl-analiżi illi ġejja, ser neżamina għalhekk l-effetti globali taż-żewġ strumenti.

Nuqqas ta' koerenza li tirriżulta meta jingħaqdu flimkien l-istrumenti differenti tal-politika soċjali

— In-natura ġuridika differenti tal-istrumenti

93. Huwa dubjuż kemm id-diversi miżuri huma adegwati u, b'mod partikolari kemm l-għanijiet assenjati lilhom huma koerenti, fl-ewwel lok, għaliex għandhom natura ġuridika differenti u għalhekk ma jistgħux, b'mod arbitrarju, jiġu sostitwiti waħda bl-oħra.

94. Fis-sentenzi Teuling [75] u Molenbroek [76], il-Qorti tal-Gustizzja qieset bħala kompatibbli, bħala regola, mad-Direttiva 79/7, minkejja l-fatt illi l-benefiċċjarji taż-żieda inkwistjoni kienu prinċipalment irġiel, skemi nazzjonali

75 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38.

76 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27.

ta' żidiet li kienu jiggarantixxu għall-benefiċċjarji dħul minimu għal għajxien xierqa u li, b'deroga, kienu eskludew mill-benefiċċju taż-żidiet il-persuni li kienu qed jagħmlu talba għall-istess u li kellhom dħul suffiċjenti ġej, pereżempju mir-raġel jew mill-mara [77]. Wieħed josserva madankollu illi l-kwistjoni kienet dejjem waħda ta' miżuri li kellhom l-għan li jiggarantixxu lil benefiċċjarji tagħhom dħul ugwali jew minimu soċjali [78]. Kellhom għalhekk fundamentalment natura ta' għajnuna soċjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-leġittimità tal-għan tagħhom għar-raġuni illi "l-imputazzjoni ta' dħul ugwali jew minimu soċjali kienet tagħmel parti integrali mill-politika soċjali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar kellhom marġni diskrezzjonali raġonevoli għal dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' protezzjoni soċjali u l-modi konkreti għat-twettiq tagħhom" [79].

tiġġustifika r-rifjut ta' dan is-suppliment kumpensatorju lill-benefiċċjarji, li r-raġel jew il-mara tagħhom jiddisponu minn dħul suffiċjenti, kif inhuwa l-każ tar-rikorrenti fi-kawża prinċipali, iżda ma tiġġustifikax illi l-persuni li huma intitolati għal pensjonijiet minimi ma jistgħux jibbenefikaw mill-aġġustament straordinarju tal-pensjonijiet, hawnhekk inkwistjoni. Ma tistax għalhekk tiġi direttament trasposta għall-kawża prinċipali.

96. Fi kliem ieħor, din il-ġurisprudenza tippermetti, jekk ikun il-każ, li tiġi invokata l-eżistenza ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti biex tiġġustifika r-rifjut tas-suppliment kumpensatorju, iżda mhux in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-aġġustament straordinarju tal-pensjonijiet. Din l-aħħar miżura, fil-fatt, ma għandhiex in-natura ta' għajnuna soċjali, iżda hija ta' natura li ġuridikament hija fundamentalment differenti.

— Il-miżuri ma jistgħux jiġu sostitwiti waħda bl-oħra

95. L-iskemi ta' żieda illi l-Qorti tal-Ġustizzja analizzat f'dawn il-kawżi, għandhom xi similaritajiet mas-suppliment kumpensatorju inkwistjoni, sa fejn l-ewwel skemi u t-tieni waħda għandhom inkomuni n-natura tagħhom ta' għajnuna soċjali. Din il-ġurisprudenza tista' fi kwalunkwe każ

97. Id-differenza fl-għan aħħari tal-miżuri inkwistjoni turi wkoll illi huma neqsin mill-koerenza, li jindika, barra minn hekk, illi ma jistgħux jitqiesu li waħda tista' liberament tiġi sostitwita bl-oħra.

98. Mid-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li hija tistaqsi jekk iż-żieda li hija proporzjonalment ogħla mill-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju tistax tiġi invokata bħala motiv oġġettiv

77 — Is-sentenzi Teuling (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 14) u Molenbroek (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 20).

78 — Is-sentenza Molenbroek (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 14).

79 — *Ibidem* (punt 15).

ta' ġusitfikazzjoni għaliex din il-miżura għandha l-għan li l-ewwel nett tkun ta' għajnuna għal pensjonanti tas-suppliment kumpensatorju minflok aġġustament straordinarju tal-pensjonijiet. Skont il-Gvern Awstrijak, il-leġiżlatur nazzjonali adotta din il-miżura biex il-pensjonanti li, sa dakinhar, kellhom dħul li kien jaqbeż bi ftit l-ammont standard stabbilit, minħabba l-indiċjar baxx tal-pensjoni tagħhom, jibdew jidħlu fl-ammont standard straordinarju u jkunu jistgħu għalhekk finalment jibbenefikaw tas-suppliment kumpensatorju [80]. Għalkemm din il-miżura tal-politika soċjali tista' tidher leġittima, tibqa' ma tispjegax għalfejn il-persuni li huma intitolati għall-pensjonijiet minimi ġew eskluži miż-żieda straordinarja tal-pensjonijiet, jekk huwa meqjus illi s-suppliment kumpensatorju u l-aġġustament tal-pensjonijiet huma strumenti li l-għanijiet tagħhom tal-politika soċjali huma differenti u għandhom għalhekk jiġu distinti [81].

99. Fi kliem ieħor, sa fejn l-aġġustament inkwistjoni essenzjalment jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' żieda straordinajra fl-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju minkejja li, fl-istess ħin, il-leġiżlatur irrinunċja milli japplika, fir-rigward tal-pensjonijiet minimi, l-istess żieda straordinarja bħal dik mogħtija lill-pensjonijiet l-oħra, dan l-aġġustament iwassal, fl-aħħar mill-aħħar, biex iħallat miżuri li l-għanijiet tal-politika soċjali tagħhom huma differenti, kif wara kollox il-qorti tar-rinviju tat x'wieħed jifhem fl-analiżi tagħha tas-sistema tal-aġġustament tal-pensjonijiet [82]. Din id-diverġenza fl-għanijiet ma tippermettix, għal diversi raġunijiet ta' koerenza, li wieħed jifhem kif l-esklużjoni ta' benefiċċju ta' miżura tal-politika soċjali, tista' tiġi oġġettivament iġġustifikat, bl-ammissjoni għall-benefiċċju ta' miżura oħra, li kienet tissostitwiha.

— Il-miżura mhix ta' natura tali li twettaq l-għan tas-sostenn tal-kapaċità tax-xiri

100. Irrispettivament minn dak li ntqal iktar 'il fuq, irid jiġi osservat illi l-applikazzjoni tas-suppliment kumpensatorju, b'mod estranju mill-għan aħħari tagħha biex isostni l-pensjonijiet ta' xjuħija, ma finalment tippermettix li tirrimedja t-trattament żvantaġġjuż li tiegħu huma vittmi l-persuni intitolati għall-pensjonijiet minimi, tas-sess femminil, għaliex minħabba l-imputazzjoni ta' dħul ieħor tal-persuna intitolata għall-pensjoni u tad-dħul tar-raġel jew tal-mara, meta l-konjuġi jkunu qed jgħixu flimkien, jitilfu l-benefiċċju, li għandu wkoll l-effett, ċertament, li jiggrava t-trattament żvantaġġjuż li tiegħu huma vittmi, meta mqabbla mal-kategoriji l-oħra ta' benefiċċjarji (jiġifieri dawk li jibbenefikaw minn pensjonijiet ogħla u l-persuni intitolati għall-pensjonijiet minimi tas-sess maskil). Diġà tajt ħjiel ta' kemm l-iżvantaġġ soffert mill-persuni intitolati għall-pensjoni minima tas-sess femminil huwa estensiv, meta

80 — Ara l-punt 11 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Awstrijak.

81 — Ara l-punti 90 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

82 — Ara l-punt 16 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

analizzajt it-tieni domanda preliminari, billi bbażjat ruħi fuq l-indikazzjonijiet provvduti mill-qorti tar-rinviju [83]. Anki jekk wieħed jirrikonoxxi li l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali li hija wiesgħa biżżejjed għat-tmexxija tal-politika soċjali tagħhom [84], wieħed huwa għalhekk iġġustifikat illi jiddubita jekk iż-żieda fl-ammonti standard tas-suppliment kumpensatorju, bħal dak previst fil-leġiżlazzjoni kontenzjuża, hix ta' natura tali li tikkontribwixxi biex tissalvagwardja l-kapaċità ta' xiri tal-persuni intitolati għall-pensjonijiet, tas-sess femminil.

konvinċenti [85], dan l-għan seta' jintlaħaq ukoll billi jiġi applikat għall-pensjonijiet kollha li huma inqas mill-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju, l-istess perċentwali ta' żieda bħal dak applikat għall-pensjonijiet b'ammont superjuri, fatt li kien jippermetti li wieħed javviċina l-għan imfittex mingħajr ma joħloq nuqqas ta' trattament ugwali.

102. Bħala rijassunt, iż-żieda proporzjonalment ogħla fl-ammont standard tas-suppliment kumpensatorju lanqas ma tista' tiġġustifika l-fatt illi numru ogħla ta' nisa milli ta' irġiel huma żvantaġġjati mill-aġġustament tal-pensjonijiet.

— Il-leġiżlazzjoni kontenzjuza mhix meħtieġa

2. Riżultat intermedjarju

101. Irrispettivament minn dak li ntqal iktar 'il fuq, dan it-trattament żvantaġġjuż iqajjem dubji dwar il-ħtieġa li l-aġġustament isostni l-kapaċità ta' xiri tal-pensjonijiet ta' xjuħija skont il-prinċipju tal-iskaluna soċjali, għaliex, kif il-Kummissjoni tispjega b'mod

103. Nikkonkludi minn dak kollu espost iktar 'il fuq illi s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali tinvolvi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7.

83 — Ara l-punti 72 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

84 — Diġà għamlet allużjoni għal din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-Istati Membri fil-qasam tal-politika soċjali fil-punt 61 ta' dawn il-konklużjonijiet. Prechal, S., *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 27), p. 87, tqis illi fid-dawl tal-importanza tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, il-qrati nazzjonali ma għandhomx jaċċettaw illi l-interess tal-awtur tal-leġiżlazzjoni jipprevali fuq dan il-prinċipju. Hija tirrakkomanda, għall-kuntrarju, kontroll sever tal-kwistjoni ġustifikattiva.

85 — Ara l-punt 44 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

## VII — Konklużjoni

104. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari tal-Oberster Gerichtshof:

1. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7/KEE tal-Kunsill, tad-19 ta' Diċembru 1978, dwar l-implementazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens illi s-sistema għall-aġġustament annwali tal-pensjonijiet (indiċjar) stabbilita bil-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja tal-irtirar hija wkoll suġġetta għall-projbizzjoni mid-diskriminazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni.

2. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/7 għandu jiġi interpretat fis-sens illi jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali ta' aġġustament annwali tal-pensjonijiet milli tistabbilixxi, għal grupp partikolari ta' persuni li huma intitolati għall-pensjoni minima, żieda li hija potenzjalment inferjuri għaż-żieda applikabbli għal persuni oħra li huma intitolati għal pensjonijiet, sa fejn din il-leġiżlazzjoni għandha effetti żvantaġġjuži fuq 25 % tal-benefiċċjarji tas-sess maskil, iżda fuq 57 % tal-benefiċċjarji tas-sess femminil, u dan fin-nuqqas ta' motivi oġġettivi ta' ġustifikazzjoni.

3. Trattament sfavorevoli tan-nisa matul iż-żieda annwali tal-pensjoni tagħhom qatt ma jistax jiġi ġġustifikat abbażi tal-fatt li huma jirċievu iktar kmieni l-pensjoni, abbażi tal-fatt li huma jirċievu l-pensjoni tagħhom għal żmien itwal jew abbażi tal-fatt illi l-ammont standard tal-qligħ minimu previst mid-dritt soċjali (ammont standard tas-suppliment kumpensatorju) ġie miżjud b'mod proporzjonalment ogħla jew inkella permezz tal-konkorrenza tat-tliet motivi, meta l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-qligħ minimu tad-dritt soċjali (suppliment kumpensatorju) jipprovdu li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-qligħ l-ieħor tal-persuna intitolata għall-pensjoni kif ukoll dak tar-raġel jew tal-mara tagħha, meta l-konjuġi jkunu qed jgħixu flimkien, filwaqt illi l-pensjonijiet tal-pensjonanti l-oħra huma miżjuda mingħajr l-imputazzjoni ta' dħul ieħor tal-pensjonant jew tar-raġel jew tal-mara tal-istess.